



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2020
COM(2020) 561 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

dwar l-applikazzjoni fl-2019 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 rigward l-aċċess tal-pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

Werrej

DAĦLA	2
I. Aġenda għal Trasparenza Iktar Mifruxa	4
II. Aċċess għad-dokumenti	10
1. Ir-Reġistri u s-Siti tal-Internet	12
2. Kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet oħra suġġett għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001	12
3. analiżi tal-applikazzjonijiet għall-aċċess.....	13
3.1. L-għadd ta' applikazzjonijiet (ara l-Anness – Tabelli 3 u 4)	13
3.2. Sehem ta' applikazzjonijiet għal kull Direttorat Ġenerali/Servizz tal-Kummissjoni Ewropea (l-Anness – Tabella 5).....	15
3.3. Profil soċjali u okkupazzjonali tal-applikanti (Anness – Tabella 6)	17
3.4. L-oriġini ġeografika tal-applikanti (Anness – Tabella 7)	19
4. L-Aplikazzjoni tal-Eċċezzjonijiet għad-Dritt ta' Aċċess	21
4.1. Tipi ta' aċċess mogħti (Anness – Tabelli 8 u 9).....	21
4.2. L-eċċezzjonijiet invokati għad-dritt ta' aċċess (Anness – Tabella 10).....	23
4.2.1. L-istadju inizjali	23
4.2.2. Stadju ta' konferma	24
5. Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew	25
6. Stħarriġ Ġudizzjarju	26
6.1. Il-Qorti tal-Ġustizzja	26
6.1.1. Kjarifiki ta' xi regoli proċedurali	27
6.1.2. Kjarifiki ta' xi regoli proċedurali	28
6.2. Il-Qorti Ġenerali.....	28
6.2.1. Kjarifiki ta' xi regoli proċedurali	29
6.2.2. Kjarifiki ta' xi regoli proċedurali	31
6.3. Kawżi fil-Qorti ppreżentati kontra l-Kummissjoni Ewropea fl-2019	34
KONKLUŻJONIJIET	35

DAĦLA

Is-sena 2019 kienet sena ta' tranżizzjoni għall-istituzzjonijiet Ewropej hekk kif saru l-elezzjonijiet parlamentari¹, ħarġet aġenda strateġika ġdida tal-Kunsill Ewropew għall-2019-2024² u daħlet fil-kariga Kummissjoni Ewropea ġdida.

Fl-2019, il-Kummissjoni Ewropea ħadet passi ulterjuri biex twettaq l-impenn qawwi tagħha favur aktar trasparenza u responsabbiltà, u biex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fl-istituzzjonijiet tal-UE.

F'Lulju 2019, is-Sinjura von der Leyen ippreżentat il-linji gwida politiċi tagħha tal-Kummissjoni għall-perjodu 2019-2024: “Unjoni li tirsisti għal aktar – L-aġenda tiegħi għall-Ewropa”³. Waħda mis-sitt ambizzjonijiet ewlenin għall-Ewropa tikkonsisti mill-prijorità għal “spinta ġdida għad-demokrazija”. Dan jinkludi l-ħtieġa ta' aktar trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċess leġislativ⁴.

Fis-27 ta' Novembru 2019, matul is-sessjoni plenarja fi Strasburgu, maġġoranza kbira tal-membri tal-Parlament Ewropew ivvutaw favur il-Kummissjoni von der Leyen.

Fl-1 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni von der Leyen daħlet fil-kariga. It-trasparenza, flimkien mal-kolleġġjalità u l-effiċjenza, saret wieħed mill-prinċipji ta' gwida għall-funzjonament tal-Kummissjoni l-ġdida⁵. Il-Metodi ta' Ħidma jirreferu espressament għad-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti kif irregolat bir-Regolament (KE) Nru 1049/2001⁶.

Is-salvagwardja tal-effettività tad-dritt ta' aċċess taċ-ċittadini għal dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet hija wieħed mill-pedament tal-impenn tal-Kummissjoni Ewropea fejn tidħol it-trasparenza.⁷

Dan id-dritt hu mnaqqax fl-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fl-Artikolu 15(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE u fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Dan jirrifletti l-prinċipju ta' trasparenza fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet li huwa previst kemm taħt l-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll taħt l-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

¹ F'Mejju 2019, fl-elezzjonijiet Ewropej kien hemm l-ogħla parteċipazzjoni li qatt kien hemm ta' 50,66%, ara <https://europarl.europa.eu/election-results-2019/en/turnout/>.

² F'Ġunju 2019, intlaħaq qbil fi ħdan il-Kunsill Ewropew dwar aġenda għall-UE għall-ħames snin li ġejjin. L-“Aġenda strateġika ġdida 2019-2024” tistabbilixxi l-oqsma ta' prijorità li ser jidderieġu l-ħidma tal-Kunsill Ewropew u jipprovdu gwida għall-programmi ta' ħidma ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE, ara <https://www.consilium.europa.eu/en/european-council/role-setting-eu-political-agenda/>.

³ https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/political-guidelines-next-commission_en.pdf.

⁴ *Ibid.* p.21.

⁵ Ara l-Komunikazzjoni mill-President lill-Kummissjoni tal-1 ta' Diċembru 2019, “The Working Methods of the European Commission” (Il-Metodi ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea), P (2019) 2, disponibbli hawn: <https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/working-methods.pdf>.

⁶ *Ibid.* p.17. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, Ġurnal Uffiċjali L 145, il-31 ta' Mejju 2001, p. 43 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001”).

⁷ Il-benefiċjarji tad-dritt ta' aċċess għal dokumenti huma ċ-ċittadini tal-UE u l-persuni li jirresjedu jew li għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fi Stat Membru. Barra minn hekk, ċittadini u persuni ġuridiċi minn pajjiżi terzi li ma jirresjedux jew li ma għandhomx uffuċċju reġistrat fi Stat Membru jgawdu minn dan id-dritt ukoll.

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 “jikkristalizza” dan il-prinċipju ta’ trasparenza ddikjarat fit-Trattati tal-UE⁸.

F’konformità mal-Premessa 2 ta’ dak ir-Regolament, “It-trasparenza tgħin liċ-ċittadin jieħu sehem fil-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet b’mod aktar mill-qrib, u jiggarrantixxi li l-amministrazzjoni tgawdi aktar leġittimità u tkun aktar effettiva u kontabbli liċ-ċittadin f’sistema demokratika [...].

L-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru1049/2001 ikompli jistipula li kull istituzzjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament għas-sena preċedenti.

Ir-rapport annwali preżenti għas-sena 2019 jiġbor l-ewwel nett fil-qosor l-inizjattivi ta’ trasparenza usa’ tal-Kummissjoni Ewropea (*Infra I*). It-tieni, ir-rapport jidentifika x-xejriet ewlenin u l-karatteristiċi tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti ppreżentati fi ħdan il-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, kif ukoll it-tweġibiet rispettivi tagħhom mill-istituzzjoni. Ir-rapport janalizza wkoll id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati Ewropej, u l-kostatazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament mill-Kummissjoni Ewropea (*Infra II*).

⁸ Is-sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni Ewropea v Agrofert Holding a.s.*, C- 477/10 P, EU:C:2012:394, paragrafu 88.

I. Aġenda għal Trasparenza Iktar Mifruxa

L-Unjoni Ewropea hija magħmula miċ-ċittadini tagħha u topera għaċ-ċittadini tagħha. It-tneġġig u l-iffaċilitar ta' involviment usa' taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea u f'dak li tirrappreżenta hija prijorità ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea.

Fid-determinazzjoni rizzoluta qawwija tagħha biex tqarreb liċ-ċittadini lejn il-proċess tagħha ta' teħid tad-deċiżjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tesplora b'mod kostanti metodi u miżuri ġodda biex tinkiseb aktar trasparenza.

Fl-2019, il-Kummissjoni Ewropea wettqet sforzi mmirati biex tkompli ssaħħaħ it-trasparenza tal-attivitatiet ewlenin kollha tagħha, li jvarjaw minn tfassil ta' liġijiet u implimentazzjoni ta' politika għal kuntatti mal-partijiet interessati u mal-lobbisti.

Regolamentazzjoni aħjar⁹

Matul l-2019, ir-regolamentazzjoni aħjar kompliet tkun fil-qalba tat-tfassil tal-politika tal-Kummissjoni Ewropea. Kmieni fl-2019, l-istituzzjoni segwiet l-eżerċizzju tagħha li tieħu kont tal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-2015, sabiex tivvaluta kemm l-aspetti pożittivi kif ukoll dawk problematiċi tagħha.

Fil-15 ta' April 2019, il-Kulleġġ tal-Kummissarji adotta Komunikazzjoni bit-titolu "Regolazzjoni aħjar: nagħtu rendikont u nkomplu l-impenn tagħna" li ġabret fil-qosor il-kostatazzjonijiet tar-rendikont¹⁰. Il-konsultazzjoni pubblika wriet li kien għad hemm livell relattivament baxx ta' għarfien dwar l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni fit-tfassil tal-politika tal-Kummissjoni.

Il-Komunikazzjoni kkonkludiet b'talba mifruxa għal regolamentazzjoni aħjar, li titkompla bħala parti integrali tal-mod ta' ħidma tal-Kummissjoni. Il-Komunikazzjoni kienet tinkludi wkoll impenn biex fil-futur jinkiseb aktar titjib¹¹.

Għan ewlieni tal-Kummissjoni Ewropea kien li tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-Ewropej u tas-soċjetà ċivili fl-attivitatiet tagħha ta' tfassil ta' politika. L-istituzzjoni għalhekk investiet b'mod estensiv biex tippovdi l-għodod għal tali involviment, bil-ħolqien ta' opportunitajiet għall-partijiet interessati biex jikkontribwixxu matul iċ-ċiklu politiku.

Fl-2019, l-għadd ta' konsultazzjonijiet pubbliċi tradotti fil-lingwi kollha tal-UE komplja jżiddied¹². Barra minn hekk, il-portal "Semma' Leħnek"¹³, li jipprovdi għal punt ta' dħul uniku bbażat fuq l-internet għall-partijiet interessati biex isiru jafu dwar l-attivitatiet ta' tfassil ta'

⁹ Regolamentazzjoni aħjar tikkonsisti f'miżuri introdotti mill-Kummissjoni Ewropea biex jagħtu riżultati aħjar għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE permezz ta' tfassil ta' politika aktar miftuħa, trasparenti u bbażata fuq l-evidenza.

¹⁰ Din il-Komunikazzjoni kienet akkumpanjata minn dokument ta' ħidma tal-persunal u nota li tiġbor l-opinjoni tal-uffiċjali tal-Kummissjoni kkonsultati, kollha disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/better-regulation-taking-stock_en_0.pdf.

¹¹ Ara l-Komunikazzjoni, *op.cit.* p.6.

¹² *Ibid.* p.8.

¹³ Portal available at: <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say>.

politika tal-Kummissjoni u biex iħallu l-kummenti, il-fehmiet u informazzjoni oħra tagħhom, fl-2019 saritlu aktar minn 800,000 żjara. L-għadd medju ta' tveġibiet għall-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-feedback ivarjaw ħafna, iżda x-xejra ġenerali qiegħda tiżdied.

Fl-aħħar nett, l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tqiegħed ir-regolamentazzjoni aħjar fil-qalba tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet irnexxew. Il-konsultazzjonijiet u t-trasparenza huma ż-żewġ oqsma fejn il-partijiet interessati jemmnu li l-Kummissjoni Ewropea għamlet l-aktar progress mill-2015. Il-Komunikazzjoni tirrikonoxxi li regolamentazzjoni aħjar qiegħda ssir dejjem aktar parti integrali mill-kultura istituzzjonali tal-Kummissjoni Ewropea u hija appoġġjata b'mod wiesa' mill-partijiet interessati li jridu jkunu involuti aktar fit-tfassil tal-politika tal-istituzzjoni b'mod aktar sinifikanti.

B'mod parallel ma' dawn l-iżviluppi, il-Kummissjoni kompliet il-ħidma tagħha flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill fuq il-Portal Leġiżlattiv Konġunt ippjanat bl-għan li jitniehda kemm jista' jkun malajr, skont l-impenn fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Il-portal se jipprovdi bażi ta' *data* b'informazzjoni li tkun tkopri l-proċess leġiżlattiv kollu b'mod li tkun faċilment aċċessibbli għal udjenza ġenerali li ma jkollhiex formazzjoni speċjalizzata.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni Ewropea laqgħet l-inizjattivi tal-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill Ewropew fit-tieni nofs tal-2019, li kellhom l-għan li jippromwovu t-trasparenza leġiżlattiva u li jiġu ppubblikati b'mod proattiv ċerti dokumenti relatati man-negozjati.

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (European Citizens' Initiative, ECI) hija dritt minqux fl-Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹⁴.

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija strument imfassal biex isaħħaħ il-parteciġazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni Ewropea billi tippermettilhom jitolbu direttament lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta proposta għal atti legali tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati¹⁵.

¹⁴ Iż-żewġ dispożizzjonijiet ġew introdotti bit-Trattat ta' Lisbona. L-Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jstipula li "Ċittadini tal-Unjoni, li l-għadd tagħhom ma jkunx anqas minn miljun, li jkunu ċittadini ta' għadd sinifikanti mill-Istati Membri, jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tal-kompetenzi mogħtija lilha, sabiex tippreżenta kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati". L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jstipula li "Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skond il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri u l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-preżentazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini skond l-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż in-numru minimu ta' Stati Membri li minnhom iridu jiġu i-ċittadini li jippreżentawha."

¹⁵ L-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej ġew immedija bħala għodda li tistabbilixxi l-aġenda f'idejn iċ-ċittadini fl-1 ta' April 2012, mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej li implimenta d-dispożizzjonijiet tat-Trattat u stipula l-qafas proċedurali applikabbli.

Fl-2019, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ġie adottat mill-koleġizlaturi¹⁶ u ġie ppubblikat fis-17 ta' Mejju 2019¹⁷. Dan ir-Regolament ġdid iġib għadd ta' titjib strutturali u tekniku biex l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej issir aktar faċli u aċċessibbli għall-utent, tkun inqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża mill-organizzaturi u s-sostenituri sabiex tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini Ewropej fil-proċess demokratiku tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-istrument regolatorju l-ġdid għandu l-għan li jsahha is-segwitu tal-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej bħala għodda biex jitrawwem dibattitu demokratiku fi ħdan l-Unjoni Ewropea¹⁸.

L-etika u t-trasparenza tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea

Fil-Linji Gwida Politiċi tagħha, il-President uriet appoġġ għall-ħolqien ta' korp tal-etika indipendenti li jkun komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Il-President impenjat ruħha li tinvoli ruħha u taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet l-oħra għall-kisba ta' dan l-oġettiv¹⁹.

Fl-24 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-ewwel rapport annwali²⁰ dwar l-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta l-ġdid²¹ għall-Membri tiegħu għas-sena 2018, skont l-impenn tagħha fl-Artikolu 13(4) tal-Kodiċi. Ir-rapport jiġbor fil-qosor, fost oħrajn, il-bidliet ewlenin introdotti mill-kodiċi l-ġdid li jikkontribwixxu għall-kisba tal-ogħla standards etiċi u trasparenza li huma mistennija mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea²².

Barra minn dan, fi Frar 2019, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet gwida dettaljata u Prattika dwar standards etiċi għall-Membri tal-Kummissjoni li jkunu għamlu kampanja fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew ta' Mejju²³. Il-Kummissjoni Ewropea, appoġġjata mill-Parlament Ewropew iddeċidiet tabilħaqq li tippermetti lill-Membri tagħha li jipparteċipaw b'mod attiv

¹⁶ COM(2017)482 finali.

¹⁷ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019R0788&from=EN>.

¹⁸ Il-Kummissjoni Ewropea minn żmien għal żmien tanalizza kif tkun qiegħda taħdem l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Hija tippreżenta s-sejbiet tagħha f'rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni Ewropea diġà ħarġet żewġ rapporti fl-2015 u fl-2018 rispettivament. Ir-rapport li jmiss għandu joħroġ sal-1 ta' Jannar 2024.

¹⁹ *Op. cit.* p.21.

²⁰ Disponibbli hawn: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/se-2019-266_final_en.pdf.

²¹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 2018 dwar Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea, C(2018) 700 finali, Ġurnal Uffiċjali C 65 tat-21 ta' Frar 2018, p. 7; minn issa 'il quddiem "il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea". Dan il-Kodiċi ġdid daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2018 u ħa post il-Kodiċi ta' Kondotta preċedenti għall-Kummissarji tal-20 ta' April 2011.

²² Jiġifieri: (1) l-estensjoni tan-notifika obbligatorja ta' attivitajiet ta' ex Membri tal-Kulleġġ wara l-perjodu fil-kariga tagħhom; (2) il-possibbiltà li l-Membri tal-Kummissjoni jgħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew mingħajr ma jkollhom jieħdu l-liv elettorali mhux imħallas mill-Kummissjoni; (3) id-definizzjoni ta' "kunflitt ta' interess"; (4) dikjarazzjoni estensiva ta' interessi; (5) il-pubblikazzjoni darbtejn fix-xahar ta' informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' kull Kummissarju; u (6) L-integrazzjoni fil-Kodiċi tar-regola li kemm il-Membri tal-Kulleġġ kif ukoll il-membri tal-Kabinetti tagħhom għandhom jiltaqgħu biss ma' dawk ir-rappreżentanti ta' interess li jkunu rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza u għandhom jipubblikaw informazzjoni dwar il-laqgħat tagħhom, eċċ.

²³ Disponibbli hawn: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/guidelines_election_campaign_en.pdf

fil-kampanja politika mingħajr ma jkollhom jirtiraw temporanjament mill-istituzzjoni għall-perjodu kollu, jekk dawn jimxu ma' prattiki etiċi specifici²⁴.

Barra minn hekk, matul is-sena 2019, il-Kummissjoni Ewropea aġġornat fuq bażi regolari l-paġna fuq is-sit web Europa ddedikata għall-etika tal-Kummissarji u l-eks Kummissarji²⁵, billi regolarment ittella' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u l-minuti ta' laqgħat dwar il-ħidmiet awtorizzati tal-ex Kummissarji Ewropej.

Ir-Reġistru tat-Trasparenza

It-trasparenza tar-rappreżentazzjoni ta' interess hija kruċjali biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jsegu l-attivitajiet u l-impatt potenzjali ta' dawk li jfittxu li jinfluwenzaw il-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE. Ir-reġistru tat-Trasparenza stabbilit mill-2011²⁶, jixħet dawl fuq id-diversi interessi segwiti, inkluż minn min u b'liema livell ta' riżorsi. B'hekk ir-Reġistru jippermetti li jkun hemm skrutinju pubbliku akbar, li jagħti liċ-ċittadini, lill-midja u lill-partijiet interessati l-possibiltà li jsegu l-attivitajiet u l-influwenza potenzjali tar-rappreżentanti interessati.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta fl-2016 biex ir-Reġistru ta' Trasparenza attwali jsir obligatorju²⁷. Il-proposta tinvolti l-iffirmar ta' Ftehim Interistituzzjonali ġdid li jkopri lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u, għall-ewwel darba, lill-Kunsill tal-UE. In-negozjati interistituzzjonali dwar din il-proposta għadhom għaddejjin.

Fl-2019, in-negozjaturi tat-tliet istituzzjonijiet kellhom sessjonijiet ta' taħditiet dwar il-proposta għal Reġistru tat-Trasparenza obligatorju. L-għan ta' dawn it-taħditiet kien li jiġu esplorati modi kif l-interazzjonijiet mar-rappreżentanti ta' interessi jsiru kondizzjonali mar-reġistrazzjoni minn qabel tagħhom fir-Reġistru tat-Trasparenza, sabiex ir-reġistrazzjoni ssir *de facto* obligatorja għal-lobbisti. Għalkemm l-approċċi għadhom ivarjaw minn istituzzjoni għall-oħra, it-tliet istituzzjonijiet evalwaw l-iżviluppi rigward l-istabbiliment futur ta' Reġistru konġunt.

F'dan il-kontest, il-Kummissjoni Ewropea baqgħet tteġġeg lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jesploraw l-għażliet li jippermettulhom li japplikaw ir-regola "l-ebda

²⁴ Pereż. (i) iridu jinfurmu lill-President li jkollhom l-intenzjoni li jipparteċipaw fil-kampanja għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u bir-rwol li jkunu mistennija li jkollhom fil-kampanja. (ii) jiggarrantixxu l-kontinwità istituzzjonali u jaraw li jkunu jistgħu jibqgħu għaddejjin bid-dmirijiet tagħhom; (iii) ma jużawx ir-riżorsi umani jew materjali tal-Kummissjoni għal attivitajiet marbuta mal-kampanja. (iv) issir distinzjoni bejn dikjarazzjonijiet li jagħmlu fil-kapaċità istituzzjonali tagħhom u dikjarazzjonijiet magħmula fir-rwol tagħhom ta' parteċipanti fil-kampanja matul avvenimenti ta' taħdit fil-pubbliku; eċċ.

²⁵ https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/service-standards-and-principles/codes-conduct/ethics-and-integrity-eu-commissioners_en

²⁶ Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-twaqqif ta' "Reġistru ta' trasparenza" għal organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu għal rashom involuti fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE, Ġurnal Uffiċjali L 191, 22 ta' Lulju 2011, p. 29–38, sostitwit bil-Ftehim attwali fis-seħħ bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reġistru ta' trasparenza għal organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu għal rashom involuti fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE, Ġurnal Uffiċjali L 277, id-19 ta' Settembru 2014, p. 11–24.

²⁷ <http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2016/EN/1-2016-627-EN-F1-1.PDF>

reġistrazzjoni, l-ebda laqgħa". It-tliet istituzzjonijiet saħqu fuq l-ambizzjoni komuni tagħhom li jilhqgħu titjib sinifikanti dwar l-istatus quo u qablu li jibqgħu għaddejjin bid-diskussjonijiet.

Sadanittant, ir-Reġistru tat-Trasparenza kompli jikber b'mod stabbli, u fl-31 ta' Diċembru 2019 kien fih mhux inqas minn 11 899 entrata, inklużi 1 592 reġistrazzjoni ġdida²⁸.

Id-dikjarazzjonijiet ta' privatezza aġġornati dwar ir-reġistranti, il-laqgħat mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u t-trattament tal-allerti u l-ilmenti ġew ippubblikati fuq is-sit web tar-Reġistru tat-Trasparenza²⁹.

F'dan l-isfond, fl-2019, ir-Reġistru ta' Trasparenza operat mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea baqa' mudell ewlieni li għandu jiġi segwit għall-amministrazzjonijiet pubbliċi madwar l-Ewropa.

It-trasparenza tal-UE fejn tidħol Brexit

Fl-2019, il-Kummissjoni Ewropea kompliet twettaq l-impenn tagħha li tiżgura ammont massimu ta' ftuħ fir-rigward tan-negozjati mingħajr preċedent li jikkonċernaw il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE. L-istituzzjoni ppubblikat b'mod sistematiku kull abbozz ta' pożizzjonijiet ta' negozjar, dokumenti ta' pożizzjoni tal-UE, slajds, aġendi għas-sessjonijiet ta' negozjati u l-abbozz tal-Ftehim dwar il-ħruġ kif ukoll dak finali.

Kollox ma' kollox, mill-2017 sal-2019, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat b'mod proattiv fuq is-sit web tagħha aktar minn 120 dokument f'rabta ma' Brexit. Barra minn hekk, is-servizzi tal-istituzzjoni wiegħbu għal 10 937 ittra taċ-ċittadini u ttrattaw madwar mitt talba għal aċċess għal dokumenti. Il-maġġoranza ta' dawn it-talbiet irriżultaw fi tweġibiet pożittivi li żvelaw dokumenti bħal-lista sħiħa ta' laqgħat mal-partijiet interessati u l-minuti tagħhom.

Il-Kummissjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ li żżomm dan il-livell għoli ħafna ta' trasparenza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ u matul in-negozjati li jmiss dwar ir-relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit.

Il-politika dwar il-kummerċ

Il-politika tal-kummerċ taffettwa liċ-ċittadini tal-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea tisma' l-kontributi kollha sabiex il-politika tal-UE tkun tirrifletti l-valuri u l-interessi tas-soċjetà kollha kemm hi. Għaldaqstant, din il-politika tissawwar bil-kontribut taċ-ċittadini tal-UE, li jingħata qabel, matul u wara l-proċess ta' negojar.

Fl-2019, it-trasparenza u l-involvement mal-pubbliku komplew ikunu fatturi essenzjali fi ħdan il-politika tal-kummerċ sabiex jiġu ggarantiti d-demokrazija, il-fiduċja tal-pubbliku u r-responsabbiltà.

Il-Kummissjoni Ewropea kompliet tippubblika informazzjoni b'mod sistematiku fl-istadji kollha tan-negozjati dwar il-kummerċ. Il-Kummissjoni għalhekk tikkondividi b'mod pubbliku proposti lill-Kunsill għal abbozzi ta' direttivi ta' negozjar ta' ftehimiet ta' kummerċ

²⁸ Ara r-Rapport Annwali tal-2019 dwar l-operat tar-Reġistru tat-Trasparenza, li ħiereġ dalwaqt.

²⁹ Dawn jinsabu hawn: <http://ec.europa.eu/transparencyregister/public>.

preferenzjali³⁰, rapporti ta' sessjonijiet ta' negozjati³¹, proposti ta' negozjar inizjali tal-UE, Valutazzjonijiet tal-Impatt dwar is-Sostenibbiltà u t-test innegozjat, malli dan ikun jeżisti f'verzjoni konsolidata maqbula³². Barra minn dan, il-Kummissjoni Ewropea żammet kuntatt b'mod attiv mal-partijiet interessati biex tirċievi kontribut sostantiv konkret għall-kisba ta' politika kummerċjali tal-UE bbażata fuq l-evidenza fl-istadji kollha. Fl-2019, il-Kummissjoni għamlet tliet konsultazzjonijiet pubbliċi kbar b'raba mal-kummerċ³³.

Il-miżuri mħabbra hawn fuq jibnu fuq l-approċċ proattiv trasparenti tal-politika kummerċjali li diġà hija segwita mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-Programm “L-Ewropa għaċ-ċittadini”

L-hekk imsejjaħ programm “L-Ewropa għaċ-ċittadini”, stabbilit għall-perjodu 2014-2020³⁴, huwa strument importanti li jhajar liċ-ċittadini tal-UE jkunu infurmati aħjar, li jieħdu sehem fid-dibattitu u li jkollhom rwol aktar qawwi fl-ivilupp tal-UE. Fl-2019, il-Kummissjoni Ewropea kompliet torganizza diversi inizjattivi u azzjonijiet fil-qafas tagħha³⁵.

Konklużjoni

Fl-2019 il-Kummissjoni Ewropea kompliet tippubblika firxa wiesgħa ta' informazzjoni u dokumenti b'mod proattiv u faċli għall-utent. Fl-istess ħin, l-istituzzjoni fittxet b'mod kostanti li tesplora għodod ġodda mfassla biex tkompli żżid it-trasparenza tal-attivitajiet globali tagħha u tinvolvi liċ-ċittadini fil-proċess demokratiku. L-eżempji msemmija hawn fuq jikkostitwixxu biss ftit każijiet li jillustraw l-isforzi tal-istituzzjoni biex tagħti spinta lit-trasparenza fit-tifsira wiesgħa tagħha.

³⁰ Pereżempju, fit-18 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat, bħala parti mill-impenn tagħha għat-trasparenza, l-abbozz ta' direttivi ta' negozjati tagħha għat-taħdidiet kummerċjali tagħha mal-Istati Uniti fl-istess ħin li sottomettiethom lill-Istati Membri tal-UE.

Ara https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_19_502.

³¹ Rapport ta' progress interim ġie ppubblikat fis-30 ta' Jannar 2019, li jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata dwar is-sitwazzjoni attwali tat-taħditiet mal-Istati Uniti s'issa. Dan kien jirrelata mal-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Eżekuttiv u elenka għadd ta' azzjonijiet konkreti fejn il-kooperazzjoni regolatorja tkun tista' tiffaċilita l-kummerċ transatlantiku - bħal fil-farmaċewtiċi, l-apparat mediku u ċ-ċibersigurtà - bit-tnaqqas tal-ostakoli regolatorji.

³² F'Julju 2019, il-Kummissjoni Ewropea għalhekk ippubblikat it-testi tal-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-UE u l-Mercosur wara l-ftehim, imħabbar fit-28 ta' Ġunju 2019, minkejja l-fatt li t-testi jistgħu jsirulhom aktar modifiki, inkluż bħala riżultat tal-proċess ta' reviżjoni legali. Ara <http://trade.ec.europa.eu/doclib/press/index.cfm?id=2048>.

³³ Għal aktar informazzjoni dwar dawn it-tliet konsultazzjonijiet, ara https://trade.ec.europa.eu/consultations/#_tab_2019.

³⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-programm “L-Ewropa għaċ-ċittadini” għall-perjodu 2014-2020, il-Ġurnal Uffiċjali L 115, is-17 ta' April 2014, p. 3.

³⁵ Għal aktar taġrif ara hawn https://ec.europa.eu/info/departments/justice-and-consumers/justice-and-consumers-funding-tenders/funding-programmes/europe-citizens-efc-0_en#documents.

II. Aċċess għad-dokumenti

Id-dritt ta' aċċess għal dokumenti kif stabbilit fl-Artikolu 15(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u implimentat bir-Regolament 1049/2001 fl-2019 baqa' bħala wieħed mill-pedamenti tal-aġenda ta' trasparenza tal-Kummissjoni Ewropea.

Id-dritt tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet huwa relatat man-natura demokratika ta' dawk l-istituzzjonijiet³⁶. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jirrifletti l-intenzjoni espressa fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tat-Trattat tal-UE li jsir "pass ġdid lejn il-ħolqien ta' għaqda dejjem iżjed ravviċinata fost il-popli ta' l-Ewropa, li fiha d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin"³⁷. Dan l-għan huwa mtenni fl-Artikolu 10 tat-Trattat tal-UE. Barra minn dan, l-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li "Fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi ta' l-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti".

Fi ħdan dan il-qafas, fl-2019, il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet aċċess għal firxa wiesgħa ta' dokumenti fil-pussess tagħha, wara talbiet speċifiċi ppreżentati skont ir-Regolament. Dan l-aċċess ikkomplementa l-pubblikazzjoni proattiva mill-istituzzjoni ta' minjiera ta' informazzjoni u dokumentazzjoni fuq id-diversi reġistri u paġni web tagħha.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali dwar kif il-Kummissjoni Ewropea implimentat ir-Regolament fis-sena 2019. Ir-rapport hu bbażat fuq *data* statistika li hija miġbura fil-qosor fl-Anness³⁸.

L-istatistika tirrifletti l-għadd ta' applikazzjonijiet riċevuti fl-2019 u t-tweġibiet ipprovduti għalihom. Huma jipprovdu wkoll *data* aktar preċiża fir-rigward tal-istatistika miksuba għas-snin preċedenti, wara korrezzjonijiet ta' kodifikazzjoni regolari sussegwenti³⁹.

Bħal fis-snin preċedenti, l-istatistika ma tirriflettix l-għadd ta' dokumenti mitluba jew (parzjalment) divulgati, li kienu ħafna aktar numerużi. Filwaqt li l-applikanti jistgħu jitolbu aċċess għal dokument wieħed, jiġri li aktar sikwit dawn jitolbu aċċess għal għadd kbir ta' dokumenti, jew saħansitra għal fajls sħaħ dwar suġġett speċifiku jew proċedura speċifika.

Fil-qosor, l-istatistika turi li d-dokumenti mitluba ġew divulgati kompletament jew parzjalment f'aktar minn 78 % mis-7 445 każ fl-istadju inizjali, u nġhata aċċess usa' jew saħansitra sħiħ fi kważi 53,4 % mill-296 każ analizzat fl-istadju ta' konferma. Id-*data* mhux biss tikkonferma t-trasparenza tal-Kummissjoni Ewropea, iżda wkoll l-importanza tad-dritt tal-aċċess għad-dokumenti bħala parti mill-politika ġenerali dwar it-trasparenza tal-istituzzjoni.

³⁶ Ara t-Tieni premessa tal-preambolu tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

³⁷ Ara l-Ewwel premessa tal-preambolu tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

³⁸ Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, l-istatistika ppreżentata f'dan ir-Rapport hija bbażata fuq ċifri misluta mill-applikazzjonijiet tal-IT tal-Kummissjoni Ewropea fit-31 ta' Diċembru 2019, kif aġġornati wara korrezzjonijiet ta' kodifikazzjoni sussegwenti. Il-perċentwali fil-parti narrativa tar-Rapport huma arrotondati għall-eqreb deċimali.

³⁹ Għal din ir-raġuni, iċ-ċifri pprovduti f'dan ir-rapport u dawk preċedenti jistgħu jvarjaw xi ftit.

Riżorsi

Fil-Kummissjoni Ewropea, it-trattament tal-aċċess inizjali għad-dokumenti mitluba jiġi ttrattat fuq bażi deċentralizzata mid-diversi Direttorati Ġenerali u servizzi tal-Kummissjoni. Kull Direttorat Ġenerali u servizz jinnomina mill-inqas espert legali wieħed għal dan il-kompitu, li jaġixxi bħala “koordinatur tal-aċċess għad-dokumenti”.

Skont id-daqs tas-servizz u l-għadd ta’ talbiet li jaslu, il-“koordinaturi tal-aċċess għad-dokumenti” jiġu normalment assistiti minn xi persunal ta’ appoġġ u huma fdati bil-koordinazzjoni tal-abbozz tat-tweġibiet mal-unitajiet inkarigati mill-oqsma ta’ politika sottostanti.

It-talbiet ta’ konferma jiġu ttrattati mis-Segretarjat Ġenerali, sabiex jiġi żgurat rieżami amministrattiv indipendenti tat-tweġiba mogħtija fl-istadju inizjali.

Tim speċifiku fi ħdan l-Unità tas-Segretarjat-Ġenerali għat-*Trasparenza, il-Ġestjoni tad-Dokumenti u l-Aċċess għad-Dokumenti*, huwa ddedikat b’mod esklussiv għall-kompitu li jiżgura l-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni uniformi tar-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. It-tim huwa magħmul minn diversi amministraturi tal-każijiet u persunal ta’ appoġġ amministrattiv. Minbarra r-responsabbiltà tagħha li tirrevedi t-tweġibiet inizjali, l-Unità tipprovi gwida orizzontali, taħriġ u pariri lid-Direttorati Ġenerali u s-servizzi kollha tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament, f’kooperazzjoni mill-qrib mas-Servizzi Legali. L-Unità timmaniġġja wkoll is-sistema tal-IT madwar il-Kummissjoni Ewropea kollha li tittratta t-talbiet inizjali u ta’ konferma ta’ aċċess għad-dokumenti: GestDem, u qiegħda tiżviluppa f’kollaborazzjoni mal-Unità tas-Segretarjat Ġenerali għas-*Soluzzjonijiet Diġitali u l-Effiċjenza tal-Proċess* sistema ġdida, jiġifieri EASE (Electronic AccesS to European Commission Documents’).

L-għan tal-proġett EASE huwa li titfassal u tiġi żviluppata soluzzjoni tal-IT universali, elettronika u integrata b’mod sħiħ għall-preżentazzjoni u t-trattament ta’ applikazzjonijiet għal aċċess għal dokumenti tal-Kummissjoni. Ir-riċerka dwarha qiegħda ssir bl-għan aħħari li l-proċess deċiżjonali tal-UE jinġieb eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha, u biex issir aktar kosteffettiva mis-sistema attwali “GestDem”.

Matul l-ewwel nofs tal-2019, it-tim tal-proġett kompli jiġbor u jiddefinixxi l-ħtiġijiet tan-negozju għas-sistema l-ġdida, li kienet tinkludi l-organizzazzjoni ta’ sessjonijiet ta’ ħidma mal-persunal mid-Direttorati Ġenerali involut fl-aċċess għad-dokumenti. Barra minn hekk ġew abbozzati u approvati l-Argument favur in-Negozju u l-Karta tal-Proġett, żewġ dokumenti ewlenin tal-ġestjoni tal-proġetti li jispjegaw l-oġettivi, il-ħtiġijiet tan-negozju u l-karatteristiċi tas-sistema futura kif ukoll l-iskeda ta’ żmien u r-riżultati.

It-tieni nofs tal-2019 kien irriżervat għall-analiżi kummerċjali tas-sistema ta’ ġestjoni tal-każijiet (li tlestiet fil-bidu tal-2020), inklużi intervisti ma’ utenti minn diversi servizzi tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, f’kooperazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Informatika, it-tim tal-proġett beda jaħdem fuq l-Istudju tal-Intelliġenza Artifiċjali li l-għan tiegħu huwa li jiġu identifikati “każijiet ta’ użu” fejn it-tekniki tal-intelliġenza artifiċjali jkunu jistgħu

jissimplifikaw it-trattament tal-applikazzjonijiet ta' aċċess għal dokumenti. Il-proġett, ippjanat li jidħol fil-produzzjoni fil-bidu tal-2021, jikkonsisti f'żewġ partijiet, jiġifieri:

- (1). Portal online ġdid li jippermetti liċ-ċittadini (i) jippreżentaw u jkollhom stampa ġenerali tal-applikazzjonijiet tagħhom ta' aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni, (ii) jikkomunikaw mal-Kummissjoni kif ukoll (iii) jfittxu dokumenti li jkun diġà ġew iddivulgati; kif ukoll
- (2). Sistema ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet li tippermetti lill-persunal tal-Kummissjoni jirreġistra, jattribwixxi u jittratta l-applikazzjonijiet ta' aċċess għad-dokumenti. Din se tissostitwixxi GestDem, is-sistema attwali tal-IT użata għal dan il-għan.

Bħala konklużjoni, il-proġett il-ġdid EASE għandu għax jipprovdi aktar trasparenza u jressaq liċ-ċittadini eqreb lejn il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

Minkejja l-progress sinifikanti mistenni fl-IT, in-numru dejjem jikber ta' applikazzjonijiet ġodda ta' aċċess għal dokumenti u ż-żieda fid-domanda għat-trasparenza jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu allokati biżżejjed riżorsi umani lill-Kummissjoni Ewropea. Dan jiġġustifika t-trattament kif imiss tat-talbiet għal dokumenti fi ħdan il-perjodi ta' żmien regolatorji u l-kisba tal-aħjar riżultati għaċ-ċittadini.

1. REĠISTRI U S-SITI TAL-INTERNET

Fl-2019, żdiedu 18 337 dokument ġdid mar-reġistru tad-dokumenti tal-Kummissjoni (ara l-Anness – Tabella 1), li jaqgħu taħt il-kategoriji C, COM, JOIN, OJ, PV, SEC jew SWD⁴⁰.

Fl-2019, is-sit web "Aċċess għad-dokumenti" fuq *Europa*⁴¹ irreġistra 6 642 viżitatur u ġew ikkonsultati 10 112 paġna (ara fl-Anness it-Tabella 2)⁴².

Iż-żewġ pjattaformi għadhom utli bħala strumenti ta' tiftix li jippermettu liċ-ċittadini jipparteċipaw b'mod aktar qrib u attiv fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll fil-promozzjoni tal-politika dwar l-aċċess għad-dokumenti.

2. KOOPERAZZJONI MA' ISTITUZZJONIJET OĦRA SUĖĠETT GĦAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1049/2001

L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprovdi li l-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw prattiki amministrattivi tajba sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess garantit mir-Regolament. L-Artikolu 15(2) jkompli billi jorganizza l-istabbiliment ta' kumitat interistituzzjonali li jeżamina l-aħjar prattiki, jindirizza kunflitti possibbli ta' interess u jiddiskuti żviluppi futuri fejn jidħol l-aċċess pubblika għad-dokumenti.

⁴⁰ Jiġifieri, C: Atti awtonomi tal-Kummissjoni; COM: Proposti leġislattivi tal-Kummissjoni u dokumenti oħra kkomunikati lil istituzzjonijiet oħra, flimkien mad-dokumenti preparatorji tagħhom; JOIN: Atti Konġunti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli; OJ: Aġendi tal-laqqhat tal-Kummissjoni; PV: Minuti tal-laqqhat tal-Kummissjoni; SEC: Dokumenti tal-Kummissjoni li ma jistgħux jiġu kklassifikati f'xi waħda mis-sensiliet l-oħra; SWD: Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni.

⁴¹ Aċċess għad-dokumenti: http://ec.europa.eu/transparency/access_documents/index_en.htm.

⁴² Din id-*data* tirriżulta mill-użu mill-2018 ta' algoritmu ġdid, li jipprovdi statistika aktar preċiża. Għalhekk, din mhix komparabbli ma' dik miġbura għas-snin qabel l-2018.

Skont iż-żewġ dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, fl-2019, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea komplew jorganizzaw laqgħat tekniċi regolari fuq livell amministrattiv. Fil-qafas ta' dawn il-laqgħat, l-istituzzjonijiet jaqsmu l-esperjenzi, jiżviluppaw l-aħjar prattiki u jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Barra minn hekk, fit-24 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni Ewropea ħadet sehem fis-seminar espert li sar mill-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar "Il-Futur tat-Trasparenza tal-UE". Dan is-seminar ipprova pjattaforma għal diskussjonijiet inklużivi dwar il-futur ta' trasparenza mhux biss ma' esperti minn istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE, iżda wkoll mas-soċjetà ċivili u d-dinja akkademika.

Fil-qafas ta' din id-diskussjoni konġunta ta' miżuri konkreti biex tiżdied it-trasparenza matul il-leġislatura li ġejja, il-Kummissjoni Ewropea qieset il-ġurisprudenza dwar l-aċċess għad-dokumenti u esplorat jekk ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 baqax validu tul iż-żmien⁴³. Is-seminar ikkonkluda bir-rikonoxximent tal-progress sinifikanti fil-ftuħ tal-UE u l-ħidma ulterjuri li għad fadal⁴⁴.

3. ANALIŻI TAL-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-AĊĊESS

3.1. L-għadd ta' applikazzjonijiet (ara l-Anness – Tabelli 3 u 4)

- *L-applikazzjonijiet inizjali*

Kif muri mill-graff ta' hawn taħt, fl-2019, l-għadd ta' applikazzjonijiet inizjali laħaq 7 445. Din iċ-ċifra tirrifletti żieda impressjonanti ta' kważi 7,7 % meta jsir tqabbil mal-2018 u ta' 11 % fi tqabbil mal-2014⁴⁵. Il-Kummissjoni Ewropea ħarġet 8 449 tweġiba inizjali, imqabbla ma' 7 257 fl-2018, li jindika żieda ta' kważi 16,4 %.

Fost dawn it-tweġibiet inizjali, 7 612 inħarġu fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 (meta mqabbel ma' 6 117 fl-2018)⁴⁶. Dan l-għadd juri żieda ta' madwar 24,4 % f'sena waħda. Ta' min jinnota li rikjesta waħda tista' tikkonċerna diversi dokumenti u konsegwentement tista' twassal għal diversi risposti differenti. Min-naħa l-oħra f'xi każijiet, diversi rikjesti jistgħu jinġabru flimkien u jagħtu lok għal risposta waħda biss.

In-numru ta' "risposti mogħtija", kif estratt mill-bażi ta' *data*, jinkludi t-tipi kollha ta' segwiti pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea, li jestendu minn:


⁴³ Ara n-Nota tal-Presidenza lid-Delegazzjonijiet tad-9 ta' Ottubru 2019, "Presidency Report on the seminar on the future of EU transparency - 24 September 2019" (Rapport tal-Presidenza dwar is-seminar dwar il-futur tat-trasparenza tal-UE - 1-24 ta' Settembru 2019, 12876/19, disponibbli hawn: <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-12876-2019-INIT/en/pdf>.

⁴⁴ *Ibid.* p.3.

⁴⁵ Fl-2018, l-għadd ta' applikazzjonijiet inizjali ammonta għal 6 912, filwaqt li fl-2014, dawn kienu jammontaw għal 6 227 (*Data* estratta mir-rapporti annwali preċedenti).

⁴⁶ Skont il-kontenut tat-talbiet jew l-istatus tal-applikanti, it-tweġibiet li jifdal irriżultaw f'risponsi ttrattati skont oqfsa legali oħra (bħall-Kodiċi ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba jew il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera, eċċ.).

- It-tweġibiet mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 (inkluż fejn ma jinżammux dokumenti); sa
- Tweġibiet ipprovduti skont oqfsa legali differenti (minħabba l-kontenut tal-applikazzjoni jew l-istatus tal-applikant⁴⁷, eċċ.); jew saħansitra
- Għeluq wara li l-applikant ma jkunx ipprova l-kjarifiki mitluba jew ma jkunx issodisfa r-rekwiżiti proċedurali.




▪ *L-applikazzjonijiet ta' konferma*

Fir-rigward tal-applikazzjonijiet ta' konferma li jitolbu rieżami mill-Kummissjoni Ewropea ta' tweġibiet inizjali li jirrifjutaw kompletament jew parzjalment l-aċċess, l-għadd tagħhom kien ta' 334 fl-2019, li jirrifletti żieda ta' 5 % meta mqabbel mal-2018. Id-*data* tikkonferma x-xejra ta' żieda kostanti osservata sa mill-2016.

Il-Kummissjoni Ewropea ħarġet 319 tweġiba, li fosthom 296 kienu bbażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Billi dan in-numru jirrifletti biss żieda żgħira ta' madwar 2,8 % minn 288⁴⁸, dan juri żieda aktar qawwija ta' madwar 8,8 % mill-2014 'l hawn, kif muri fil-graff ta' hawn taħt.

⁴⁷ Pereżempju, tweġibiet mogħtija skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera mal-Istati Membri jew ma' istituzzjonijiet oħra; jew risposti fuq il-bażi tal-Kodiċi ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba, eċċ.

⁴⁸ *Ibid.*



3.2. Sehem ta' applikazzjonijiet għal kull Direttorat Ġenerali/Servizz tal-Kummissjoni Ewropea (ara l-Anness – Tabella 5)

- *L-applikazzjonijiet inizjali*

Fl-2019, *is-Segretarjat Ġenerali*⁴⁹ rċieva l-ogħla proporzjon ta' applikazzjonijiet inizjali (8,6 %).

Kien segwit mill-qrib mid-*Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari*⁵⁰, li kien responsabbli għal 8,4 % tal-applikazzjonijiet inizjali. Minkejja tnaqqis żgħir meta mqabbel mas-sena preċedenti (fejn dan id-Direttorat Ġenerali kien irċieva l-ogħla proporzjon ta' applikazzjonijiet inizjali, jiġifieri 11 %), din iċ-ċifra turi l-interess qawwi kostanti mill-applikanti fi kwistjonijiet relatati mas-saħħa.

Kien segwit mid-*Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intrapriża u l-SMEs*⁵¹ (6,9%), *id-Direttorat-Ġenerali għall-Kummerċ* (6%), *id-Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni*⁵² (5,7%), *id-Direttorat-Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasporti*⁵³ (4,7%), *id-Direttorat-Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni*⁵⁴ (4,3%), *is-Servizz Legali*⁵⁵ (4,1%) u *d-Direttorat-Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali* (4%).

Kull wieħed mid-dipartimenti l-oħra tal-Kummissjoni Ewropea kien jirrappreżenta 4% jew inqas mill-applikazzjonijiet inizjali kollha.

⁴⁹ Issir referenza għalih bħala "SG" fil-graffs ta' hawn taħt.

⁵⁰ Issir referenza għalih bħala "SANTE" fil-graffs ta' hawn taħt.

⁵¹ Issir referenza għalih bħala "GROW" fil-graffs ta' hawn taħt.


⁵² Issir referenza għalih bħala "COMP" fil-graffs ta' hawn taħt.

⁵³ Issir referenza għalih bħala "MOVE" fil-graffs ta' hawn taħt.

⁵⁴ Issir referenza għalih bħala "HOME" fil-graffs ta' hawn taħt.

⁵⁵ Issir referenza għalih bħala "SJ" fil-graffs ta' hawn taħt.

APPLIKAZZJONIJIET INIZJALI 2019




▪ L-applikazzjonijiet ta' konferma

L-ogħla proporzjon ta' applikazzjonijiet ta' konferma li waslu fl-2019 mis-Segretarjat Ġenerali oriġina mit-tweġibiet inizjali pprovduti mid-*Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ* (10,2 %). Dan tal-aħħar kien segwit mid-*Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni*, li madankollu osserva tnaqqis nett tal-applikazzjonijiet ta' konferma ppreżentati b'rabta mat-tweġibiet inizjali tiegħu matul l-aħħar tliet snin (8,7 % fl-2019 meta mqabbel ma' 13,8 % fl-2018 u 19,7 % fl-2017). Dan id-*Direttorat Ġenerali* kien segwit mis-*Segretarjat Ġenerali* (7,2 %), u *d-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija* (6,3 %). Ta' min jinnota li *d-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari*, li ammonta għal 7,9 % tal-applikazzjonijiet ta' konferma fl-2018, ra s-sehem tiegħu jinżel għal 2,7 %.

Ir-risposti inizjali tad-*Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u Affarijiet Interni* u tad-*Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs*, kienu s-suġġett ta' 6 % u 5,4 %, rispettivament, tat-talbiet ta' konferma kollha. It-tweġibiet inizjali pprovduti mill-*bqija tad-dipartimenti tal-Kummissjoni Ewropea* kienu jgħoddu għal inqas minn 5 % tat-talbiet għal rieżami ta' konferma kull wieħed.

APPLIKAZZJONIJIET TA' KONFERMA 2019



3.3. Profil soċjali u okkupazzjonali tal-applikanti (Anness – Tabella 6)

L-applikanti jistgħu jindikaw fuq il-formola tal-applikazzjoni tas-sit web Europa, il-profil soċjali/okkupazzjonali tagħhom billi jagħżlu waħda mid-disa' kategoriji li ġejjin: ċittadin, akkademiku, avukat, ġurnalista, organizzazzjoni mhux governattiva, kumpanija, Membru tal-Parlament Ewropew, awtoritajiet subnazjonali jew tal-Istati Membri⁵⁶.

Għal finijiet ta' statistika, il-profil ta' "ċittadini" jkopri l-applikanti li indikaw il-profil tagħhom b'hekk tali, u jikkostitwixxi l-opzjoni bażika li tkopri lil dawk li ma jkun għażlu l-ebda kategorija soċjali/okkupazzjonali.


- *L-applikazzjonijiet inizjali*

Fl-2019, il-parti l-kbira tal-applikazzjonijiet inizjali oriġinaw, b'hekk fis-snin preċedenti, miċ-*ċittadini*. Din il-kategorija ta' applikant fil-fatt ippreżentat madwar 51,1 % tat-talbiet.

It-tieni post fost l-aktar applikanti prolifiċi, li kien okkupat minn *kumpaniji* fl-2018, fl-2019 reġa' nkiseb minn *istituzzjonijiet akkademiċi u gruppi ta' riflessjoni* (b'hekk fl-2017) li ammontaw għal 12,2 % tal-applikazzjonijiet inizjali. Madankollu, *il-kumpaniji* segwew mill-qrib b'bejn wiehded u ieħor 10,4 % tal-applikazzjonijiet inizjali. *Il-professjonisti legali u l-ġurnalisti* (b'9,4 % u 8,1 % rispettivament) għadhom applikanti maġġuri, b'hekk fis-snin


⁵⁶ Din tal-aħħar hija kategorija ġdida introdotta fl-2018, sabiex tirrifletti l-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri huma intitolati li jissottomettu applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

preċedenti. *L-organizzazzjonijiet mhux governattivi* jirrappreżentaw l-unika kategorija li jifdal ta' applikanti li jammontaw għal aktar minn 5 % tal-applikazzjonijiet inizjali. Dawn kienu segwiti fil-bogħod mill-kategoriji li kien fadal, li kull waħda minnhom kienet tammonta għal inqas minn 2 % tal-applikazzjonijiet inizjali.



▪ *L-applikazzjonijiet ta' konferma*

Il-maġġoranza tal-applikazzjonijiet ta' konferma fl-2019 oriġinaw minn *ċittadini*, li ammontaw għal kważi 51,5 % ta' tali applikazzjonijiet (meta mqabbla ma' 36,2 % fl-2018 u 24,7 fl-2017). *Il-professjonisti fil-qasam legali* laħqu t-tieni pożizzjoni, billi sottomettew għadd kbir ta' applikazzjonijiet ta' konferma, li jammontaw għal mhux inqas minn 14,4%. It-tielet pożizzjoni hija okkupata minn *organizzazzjonijiet mhux governattivi* li ppreżentaw 12,6 % tal-applikazzjonijiet ta' konferma, segwiti mill-qrib mill-*ġurnalisti*, li jammontaw għal madwar 11,1 % tal-applikazzjonijiet ta' konferma. Dawn kienu segwiti fil-bogħod minn *istituzzjonijiet akkademiċi u gruppi ta' riflessjoni* (4,8 %) u *kumpaniji* (4,5 %), u l-bqija tal-kategoriji ammontaw kull waħda għal inqas minn 1 % tal-applikazzjonijiet inizjali.



3.4. L-oriġini ġeografika tal-applikanti (Anness – Tabella 7)

- *L-applikazzjonijiet inizjali*


Fir-rigward tat-tqassim ġeografiku tal-applikazzjonijiet inizjali fl-2019, jidher li dawk li oriġinaw mill-Belġju (31 %), mill-Ġermanja (11,9 %) u minn Franza (8 %) jammontaw flimkien għal aktar minn nofs l-għadd totali ta' applikazzjonijiet li rċeviet il-Kummissjoni.

Filwaqt li l-Belġju u l-Ġermanja storikament kienu tnejn mill-pajjiżi ewlenin li minnhom joriġinaw il-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet inizjali għal aċċess għal dokumenti, applikant li kien fost dawk attivi ħafna, jiġifieri r-Renju Unit, kien fir-raba' post, u b'hekk kompli jidher tnaqqis kostanti sinifikanti osservat fl-għadd ta' applikazzjonijiet inizjali tiegħu mill-2017. Fil-fatt, fl-2019, kienu biss 7,8 % tal-applikazzjonijiet inizjali li oriġinaw mir-Renju Unit, meta mqabbla ma' 9,2 % fl-2018 u 15,2 % fl-2017.

Fil-ħames post ġiet Spanja b'5,9 % tal-applikazzjonijiet inizjali, segwita mill-qrib mill-Italja (5,5 %) u n-Netherlands (5 %). L-applikazzjonijiet li oriġinaw mill-21 Stat Membru li jifdal kienu jirrappreżentaw inqas minn 3 % għal kull Stat Membru.

Id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti kompli jiġi eżerċitat ukoll minn applikanti li jirrisjedu jew li għandhom l-uffiċċji rreġistrati tagħhom f'pajjiżi terzi. L-applikazzjonijiet inizjali tagħhom ikkonfermaw iż-żieda żgħira iżda kostanti osservata fis-snin preċedenti, li tammonta għal madwar 6,6 % fl-2019, meta mqabbla ma' 5,3 % fl-2018 u kważi 5 % fl-2017.

APPLIKAZZJONIJIET INIZJALI 2019




- *L-applikazzjonijiet ta' konferma*

Rigward it-tqassim ġeografiku tal-applikazzjonijiet ta' konferma, l-akbar proporzjon kien fil-wisa', b'hal fis-snin ta' qabel, minn applikanti fil-Belġju (minkejja tnaqqis nett bi 33,2 % ta' tali applikazzjonijiet, meta mqabbel ma' 45,9% fl-2018), segwit mill-Ġermanja (14,1%), Spanja (12,9%) u r-Renju Unit (9%).

Franza u l-Italja (kull wieħed 5,1%), flimkien man-Netherlands (4,2%) kienu l-uniċi Stati Membri oħra li minnhom oriġinaw iktar minn 4 % tal-applikazzjonijiet. L-applikazzjonijiet li oriġinaw mill-21 Stat Membru li jifdal kienu jirrapreżentaw 3 % jew inqas kull wieħed.

Fl-aħħar nett, l-għadd ta' applikazzjonijiet ta' konferma minn applikanti li jirrisjedu jew li għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom f'pajjiżi terzi kkonferma t-tnaqqis żgħir li ġie osservat fl-aħħar sentejn, li jammonta għal kważi 1,5% tal-applikazzjonijiet kollha (meta mqabbel ma' 2,2% fl-2018 u 3,6% fl-2017).

APPLIKAZZJONIJIET TA' KONFERMA 2019



4. L-APPLIKAZZJONI TAL-EĊĊEZZJONIJIET GĦAD-DRITT TA' AĊĊESS

Id-dritt ta' aċċess previst fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 huwa soġġett għal numru ta' eċċezzjonijiet speċifiċi, li huma stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament. Kull rifjut, kemm jekk komplet jew parzjali, għandu jkun ġustifikat taħt mill-inqas waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet.

4.1. Tipi ta' aċċess mogħti (Anness – Tabelli 8 u 9)

- *L-istadju inizjali*


Fl-2019, l-aċċess sħiħ jew parzjali għad-dokumenti ingħata f'aktar minn 77,6% tal-każijiet fl-istadju inizjali (b'hekk deher tnaqqis ħafif mill-2018, meta laħaq 80,2%).

Il-perċentrali ta' tweġibiet għal kollox pożittivi naqas kemm kemm minn 59,4% fl-2018 għal 52,8% fl-2019. Madankollu, il-perċentwal ta' tweġibiet parzjalment pożittivi kompli jikkonferma x-xejra ta' żieda żgħira iżda kostanti osservata mill-2017 (minn 20,3 % fl-2017, għal 20,8 % fl-2018 u 24,8 % fl-2019).

B'mod parallel, it-tnaqqis żgħir u konsistenti fil-perċentwali ta' aċċess irrifjutat kompletament, li deher mill-2016, kompli, li kien jirrappreżenta biss 12,9 % tal-


applikazzjonijiet totali inizjali (kontra 15,8% fl-2018 u 18 % u 19 % fl-2017 u 2016 rispettivament).

Barra minn hekk, fl-2019 kien hemm żieda qawwija fin-numru ta' każi fejn id-dokumenti mitluba jew ma kinux jeżistu jew ma kinux miżmuma mill-istituzzjoni (9,5 % tal-applikazzjonijiet inizjali, meta mqabbla ma' 3,9 % fl-2018).



- *Stadju ta' konferma*

Fl-2019, 30,1 % tat-tweġibiet inizjali kkontestati minn applikazzjonijiet ta' konferma ġew ikkonfermati għal kollox fl-istadju ta' konferma (meta mqabbel ma' 41,7 % fl-2018 u 52,9% fl-2017). Perċentwal ta' 53,4% inqalbu għal kollox jew parzjalment (kontra madwar 40,6 % fl-2018).



4.2. L-eċċezzjonijiet invokati għad-dritt ta' aċċess⁵⁷ (Anness – Tabella 10)

4.2.1. L-istadju inizjali

Fl-2019, il-protezzjoni tal-*privatezza u l-integrità tal-individwu*⁵⁸ baqgħet l-aktar eċċezzjoni użata ta' spiss mill-Kummissjoni Ewropea għal rifjut (sħiħ jew parzjali) tal-aċċess fl-istadju inizjali. Din ġiet invokata f'mhux anqas minn 41,1 % tar-rifjuti, meta mqabbla ma' 34,5 % fl-2018 u kważi 31,4% fl-2017. Bħal fis-snin preċedenti, ammont kbir minn dawk ir-rifjuti rriżultaw mill-ħtieġa li jiġu mgħottija l-ismijiet tal-membri tal-persunal mhux superjuri jew tar-rappreżentanti tal-partijiet terzi li jidhru fid-dokumenti, skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-protezzjoni tad-*data*.

It-tieni eċċezzjoni l-aktar invokata tikkonċerna l-protezzjoni tal-*interessi kummerċjali*⁵⁹. Fuq din l-eċċezzjoni kienu jiddependu aktar minn 15 % tar-rifjuti (parzjali jew sħaħ)⁶⁰.

It-tielet post tal-eċċezzjonijiet l-aktar invokati ma kienx aktar meħud mill-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-*proċess li jkun għaddej ta' teħid ta' deċiżjonijiet*, iżda l-eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-*iskop tal-ispezzjonijiet, l-investigazzjonijiet u l-awdit*⁶¹, li kienu jirrappreżentaw 13,4% taċ-ċaħdiet⁶².

⁵⁷ Abbażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

⁵⁸ Din l-eċċezzjoni hija pprovduta skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

⁵⁹ Din l-eċċezzjoni hija stipulata fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2), l-ewwel inċiż tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

⁶⁰ Meta mqabbel ma' 15,4 % fl-2018 u 16,8 % fl-2017.


⁶¹ Din l-eċċezzjoni hija stipulata fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2), l-ewwel inċiż tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

⁶² Meta mqabbel ma' 12,7 % fl-2018 u 17,7 % fl-2017.

Segwiet l-eċċezzjoni mmirata biex tipproteġi *l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet*⁶³ li jkun għaddej, li ntużat f' 10,2 % tal-każijiet⁶⁴.

L-użu relattiv tal-eċċezzjoni li tipproteġi *s-sigurtà pubblika*⁶⁵ żammet iż-żieda ħafifa iżda kostanti tagħha (minn 5,4 % fl-2017 għal kważi 8,8 % fl-2018 u 9,2% fl-2019).

Minbarra l-eċċezzjoni li tipprovdi għall-protezzjoni tar-*relazzjonijiet internazzjonali*⁶⁶ li rrappreżentat 5,3 % tal-każijiet⁶⁷, l-eċċezzjonijiet l-oħra stipulati mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, ġew invokati mill-istituzzjoni f'inqas minn 4 % kull waħda, biex jirrifjutaw aċċess parzjali jew sħiħ għad-dokumenti mitluba fl-istadju inizjali.



⁶³ Din l-eċċezzjoni hija stipulata fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3), l-ewwel inċiż tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

⁶⁴ Meta mqabbel ma' 15,1 % fl-2018 u 16,3 % fl-2017.

⁶⁵ Din l-eċċezzjoni hija stipulata fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1), l-ewwel inċiż tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

⁶⁶ Din l-eċċezzjoni hija stipulata fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(1), l-ewwel inċiż tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

⁶⁷ Meta mqabbel ma' 5,8 % fl-2018, 4 % fl-2017 u 3,4 % fl-2016, u dan juri żieda żgħira iżda kostanti fl-użu tagħha mill-Kummissjoni Ewropea.

4.2.2. *Stadju ta' konferma*

Minkejja ċertu tnaqqis fl-użu tagħha, il-protezzjoni tal-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u awditi kompliet tkun fl-2019, bħal fis-snin preċedenti, l-aktar bażi invokata ta' spiss għall-konferma ta' rifjut (sħiħ jew parzjali) ta' aċċess, li jirrappreżenta 24,3 % tal-każijiet (meta mqabbel ma' 30,6 % fl-2018 u kważi 35 % fl-2017).


L-eċċezzjoni li tiproteġi *l-privatezza u l-integrità tal-individwu* ġiet fit-tieni post (22,2 %, meta mqabbla ma' 25 % fl-2018 u kważi 26,1 % fl-2017).

L-eċċezzjoni li tiproteġi l-interess pubbliku fir-rigward tar-*relazzjonijiet internazzjonali* ħadet it-tielet post fl-2019 b' 18,4 % (meta mqabbla ma' 5,6 % fl-2018 u kważi 4 % fl-2017).

L-eċċezzjoni li tiproteġi *l-interessi kummerċjali* kompliet tiġi invokata inqas ta' spiss (12,1 % fl-2019, meta mqabbla ma' 12,5 % fl-2018 u 13,2% fl-2017), u dan ipoġġiha fir-raba' post u jikkonferma t-tnaqqis kostanti fl-użu tagħha li kien ilu osservat mill-2016 (fejn ġiet invokata f' 15,9 % taċ-ċaħdiet ta' konferma).

L-eċċezzjoni li tiproteġi *l-proċess li jkun għaddej tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjoni* ġiet fil-ħames pożizzjoni b'perċentwal ta' invokar ta' 8,4%. Din iċ-ċifra tikkonferma x-xejra osservata fir-rapport preċedenti, jiġifieri li l-eċċezzjoni tidher li tiġi invokata b'mod anqas kostanti (billi l-użu tagħha diġà naqas minn 10,8 % fl-2018, madwar 12,2 % fl-2017 u 20,2 % fl-2016).

L-eċċezzjonijiet li jiproteġu l-interess pubbliku fir-rigward tas-*sigurtà pubblika u l-pariri legali u l-proċedimenti tal-qorti* segwew bħala dawk l-aktar invokati mill-istituzzjoni (b'5 % u 4,6 % rispettivament).



5. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

Fl-2019, l-Ombudsman Ewropew għalaq 42 ilment dwar it-trattament mill-Kummissjoni Ewropea ta' talbiet għal aċċess għad-dokumenti⁶⁸. B'paragun, f'dawn l-aħħar tliet snin, l-Ombudsman Ewropew kien għalaq numru aktar baxx ta' lmenti (jiġifieri 29 fl-2018, 25 fl-2017 u 21 fl-2016).

L-Ombudsman Ewropew sab każijiet ta' amministrazzjoni ħażina f'sitta biss mill-każijiet⁶⁹.

Fl-2019, l-Ombudsman Ewropew fetaħ 32 inkjesta ġdida fejn l-aċċess għad-dokumenti kien jew il-parti prinċipali jew il-parti sussidjarja tar-rikors, meta mqabbel ma' 29 fl-2018, 25 fl-2017 u 12 fl-2016.

Dawn l-istatistiċi jikkonfermaw iż-żieda sinifikanti osservata sa mill-2017 fir-rigward tan-numru ta' inkjesta ġodda⁷⁰, u tirrifletti l-importanza akbar mogħtija mill-Ombudsman Ewropew lil dan il-qasam speċifiku ta' attivitajiet⁷¹.

⁶⁸ L-istatistika tikkonċerna l-każijiet tal-Ombudsman Ewropew għad-dipartimenti tal-Kummissjoni Ewropea kollha ħlief għall-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi.

⁶⁹ Jiġifieri l-każijiet 1302/2017, 1632/2018, 1227/2017, 2134/2018, 195/2017 u 1708/2015

⁷⁰ Ara r-Rapport Annwali tal-2017 dwar l-aċċess għad-dokumenti, *op.cit.* p11.

⁷¹ Ara wkoll ir-Rapport Annwali tal-2018 dwar l-aċċess għad-dokumenti, *op.cit.*

Din l-importanza hija spjegata ulterjorment permezz tal-hekk imsejħa “proċedura rapida” għal aċċess għal rikorsi dwar id-dokumenti mnedija mill-Ombudsman Ewropew fl-2018. Skont din il-proċedura, dan tal-aħħar impenja ruħu li jieħu deċiżjonijiet dwar jekk jiftaħx inkjesta fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, u li jadotta deċiżjonijiet dwar inkjesta dwar “l-aċċess għal dokumenti” fi żmien 40 jum ta’ xogħol minn meta jkun irċieva l-ilmenti⁷².

Jekk l-Ombudsman Ewropew issib li l-Kummissjoni Ewropea kienet żbaljata meta rrifjutat l-aċċess għad-dokument(i) mitlub(a), hija tista’ tirrakkomanda li jingħata aċċess sħiħ jew parzjali għad-dokumenti in kwistjoni.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet mhumiex legalment vinkolanti fuq l-istituzzjoni. Madankollu, jekk din tal-aħħar ma tikkonformax mar-rakkomandazzjonijiet tagħha, l-Ombudsman Ewropew tista’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament Ewropew b’Rapport Speċjali.

Fl-aħħar nett, iż-żieda żgħira fin-numru ta’ lmenti u inkjesta tirrappreżenta biss proporzjon żgħir ħafna tan-numru totali ta’ talbiet għal aċċess għal dokumenti mmaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea.

6. STĦARRIĠ ĠUDIZZJARJU

Fl-2019, il-Qrati tal-UE komplew jiżviluppaw, fil-qafas ta’ diversi proċedimenti ġudizzjarji, il-korp ta’ ġurisprudenza diġà konsiderevoli li għandu x’jaqsam mal-aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-UE. Din il-ġurisprudenza ġġenerata reċentement ikkonfermat fil-biċċa l-kbira l-prassi tal-Kummissjoni Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u se tkompli tiggwidaha aktar ’il quddiem.

6.1. Il-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ippronunzjat mhux anqas minn ħames sentenzi fl-appell rigward id-dritt ta’ aċċess pubbliku għal dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, fejn il-Kummissjoni Ewropea kienet parti fil-proċedimenti, meta mqabbel ma’ sentenza waħda fl-2018⁷³.

Fil-qafas ta’ dawn il-ħames sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja èċarat kwistjonijiet li jvarjaw minn aspetti proċedurali sa punti aktar sostantivi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001.

6.1.1. Kjarifiki ta’ xi regoli proċedurali

Fost il-ħames sentenzi ppronunzjati mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019 b’rabta mal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, tnejn minnhom kienu jikkonċernaw l-

⁷² <https://www.ombudsman.europa.eu/en/letter/en/89730>.

⁷³ Jiġifieri: l-ordni tat-30 ta’ Jannar 2019, *Verein Deutsche Sprache eV v il-Kummissjoni Ewropea*, C-440/18P, EU:C:2019:77; is-sentenza tat-13 ta’ Marzu 2019 *AlzChem AG vs il-Kummissjoni Ewropea*, C-666/17P, EU:C:2019:196; l-ordni tal-21 ta’ Mejju 2019, *P Anikó Pint v il-Kummissjoni Ewropea*, C-770/18, EU:C:2019:436; l-ordni tas-6 ta’ Novembru 2019, *Hércules Club de Fútbol, SAD v il-Kummissjoni Ewropea*, C-332/19 P, EU:C:2019:948; kif ukoll l-ordni tas-17 ta’ Diċembru 2019, *Rogesa Roheisengesellschaft Saar mbH v il-Kummissjoni Ewropea*, C-568/18P, EU:C:2019:1092;

applikazzjoni tal-*preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità* fir-rigward ta' dokumenti li jiffurmaw parti mill-*fajls dwar l-għajnuna mill-Istat*⁷⁴.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-iżvelar ta' dokumenti fil-fajl amministrattiv tal-Kummissjoni fi proċedura ta' revizzjoni ta' għajnuna mill-Istat, fil-prinċipju, jimmina l-protezzjoni tal-iskop ta' xi investigazzjoni, verifika jew spezzjoni skont it-tifsira tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

L-istituzzjoni tista' tapplika *preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità* fuq is-sempliċi raġuni li d-dokument(i) mitlub(a) jiffirma(w) parti minn fajl amministrattiv dwar l-għajnuna mill-Istat⁷⁵. Id-dokumenti hekk protetti “ma jaqgħux taħt obbligu ta' żvelar, sħiħ jew parzjali, tal-kontenut tagħhom”⁷⁶.

Din il-*preżunzjoni ġenerali* hija applikabbli wkoll irrispettivament minn (i) in-numru ta' dokumenti mitluba, (ii) jekk l-applikant identifika speċifikament id-dokument jew id-dokumenti kkonċernati jew le⁷⁷, jew (iii) jekk dawn tal-aħħar humiex ta' “natura pre-eżistenti” għall-ftuħ formali tal-investigazzjoni tal-għajnuna mill-Istat inkwistjoni⁷⁸.

Madankollu, l-imsemmija *preżunzjoni ġenerali* hija konfutabbli u ma teskludix il-possibbiltà li xi wħud mid-dokumenti speċifiċi li jinsabu fil-fajl tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat jistgħu jiġu żvelati⁷⁹. L-oneru tal-prova jaqa' fuq ir-rikorrent, irrispettivament minn jekk ikunx diffiċli li tiġi prodotta l-evidenza meħtieġa biex tiġi kkonfutata⁸⁰. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li d-dokumenti mitluba jikkonċernaw direttament u speċifikament lill-applikant ma huwiex raġuni biżżejjed sabiex tiġi kkonfutata l-*preżunzjoni ġenerali* inkwistjoni⁸¹.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ulterjorment li dokumenti relatati ma' *proċeduri pilota tal-EU* huma koperti wkoll minn *preżunzjoni ġenerali ta' nondivulgazzjoni*, minħabba r-rabtiet tagħhom ma' proċeduri ta' ksur, li huma jippreċedu, iħejju jew jevitaw⁸².

Il-*preżunzjonijiet ġenerali* msemmija hawn fuq, rikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jeskludux id-dritt għall-parti interessata li tagħti prova tal-eżistenza ta' *interess pubbliku prevalenti* li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument(i) mitlub(a).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li tali *interess* ma jistax jiġi stabbilit fuq il-bażi li d-dokumenti jkun jippermettu lill-applikant li jippreżenta argumenti aktar konvinċenti fir-rikors tiegħu għal annullament⁸³, li jħejji azzjoni legali jew li jipproduċi provi fi proċedimenti quddiem il-qrati nazzjonali⁸⁴, jew li jippermetti lir-rikorrent li jeżerċita d-dritt ta' difiża tiegħu

⁷⁴Jiġifieri s-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2019, *AlzChem AG v il-Kummissjoni Ewropea* u tas-6 ta' Novembru 2019, *Hércules Club de Fútbol, SAD v il-Kummissjoni Ewropea, op.cit.*

⁷⁵Ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, *AlzChem AG v il-Kummissjoni Ewropea, op.cit.* paragrafu 32.

⁷⁶*Ibid.* paragrafu 70.

⁷⁷*Ibid.* paragrafu 31.

⁷⁸*Ibid.* paragrafu 34.

⁷⁹*Ibid.* paragrafu 38.

⁸⁰*Ibid.* paragrafu 39.

⁸¹L-ordni tas-6 ta' Novembru 2019, *Hércules Club de Fútbol, SAD v il-Kummissjoni Ewropea, op.cit.* paragrafu 7.

⁸²L-ordni tal-21 ta' Mejju 2019, *P Anikó Pint v il-Kummissjoni Ewropea, op.cit.* paragrafu 12.

⁸³Is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, *AlzChem AG v il-Kummissjoni Ewropea, op.cit.* paragrafu 56.

⁸⁴L-ordni tal-21 ta' Mejju 2019, *P Anikó Pint v il-Kummissjoni Ewropea, op.cit.* paragrafu 24.

fil-qafas tal-proċedura ta' ksur li tappartjeni għal għajjnuna mill-Istat⁸⁵. Għalhekk kull waħda minn dawn ir-raġunijiet tikkwalifika bħala interessi privati.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet il-ġurisprudenza stabbilita tagħha skont liema, l-attività amministrattiva tal-Kummissjoni ma teħtieġx aċċess daqstant estensiv għad-dokumenti daqs dak meħtieġ mill-attività leġislattiva tagħha⁸⁶.

6.1.2. Kjarifiki ta' xi regoli proċedurali

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-preżunzjoni ta' legalità marbuta mad-dikjarazzjoni mill-istituzzjoni li d-dokumenti mitluba ma jeżistux⁸⁷. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li tali preżunzjoni (i) tapplika wkoll għal xi dikjarazzjoni ta' natura ġenerali (li ma tikkonċernax dokumenti speċifiċi u identifikati)⁸⁸ u (ii) ma tistax tiġi kkonfutata b'sempliċi dikjarazzjoni li l-allegat nuqqas ta' dokumenti eżistenti jkun manifestament kuntrarju għal xi prattika amministrattiva xierqa⁸⁹.

It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li applikant ma jżommx, bħala prinċipju, interess li jitlob l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u mhux formalment irtirata, wara l-iżvelar tad-dokumenti mitluba, iżda wara l-introduzzjoni ta' proċedura ġudizzjarja⁹⁰. Il-kontinwazzjoni ta' dak l-interess tippresupponi li din l-illegalità tista' tirrepeti ruħha fil-futur, indipendentement miċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ inkwistjoni, u tkun trid tiġi evalwata *in concreto*⁹¹.

6.2. Il-Qorti Ġenerali

Fl-2019, il-Qorti Ġenerali ppronunzjat disa' sentenzi li jinvolvu l-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tad-dritt tal-aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001⁹². Il-Kummissjoni Ewropea kienet parti minnhom kollha.

Fost dawn id-disa' sentenzi, erbgħa minnhom ċaħdu l-azzjonijiet ta' annullament kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. B'mod iktar speċifiku, fi tnejn minn dawn is-sentenzi, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea u ċaħdet l-azzjonijiet fl-intier

⁸⁵ L-ordni tas-6 ta' Novembru 2019, *Hércules Club de Fútbol, SAD v il-Kummissjoni Ewropea*, *op.cit.* paragrafu 16.

⁸⁶ Is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, *AlzChem AG v il-Kummissjoni Ewropea*, *op.cit.* paragrafu 65.

⁸⁷ L-ordni tat-30 January 2019, *Verein Deutsche Sprache eV v il-Kummissjoni Ewropea*, *op.cit.* paragrafu 14.

⁸⁸ *Ibid.*

⁸⁹ *Ibid.* paragrafu 23.

⁹⁰ L-ordni tas-17 ta' Diċembru 2019, *Rogesa Roheisengesellschaft Saar mbH v il-Kummissjoni Ewropea*, *op.cit.* paragrafi 25 u 26. (F'dan il-każ, kien wara l-introduzzjoni tal-appell.)

⁹¹ *Ibid.* paragrafi 27 sa 29.

⁹² L-ordnijiet tat-12 ta' Novembru 2019, *Patrick Breyer v il-Kummissjoni Ewropea*, T 158/19, EU:T:2019:791, tas-17 ta' Diċembru 2019, *Uniunea Națională a Transportatorilor Rutieri din România (UNTRR) v il-Kummissjoni Ewropea*, T-560/19, EU:T:2019:905; tal-11 ta' April 2019, *Damien Bruel v il-Kummissjoni Ewropea*, T-202/18, EU:T:2019:253; tat-30 ta' April 2019, *Marco Bronckers v il-Kummissjoni Ewropea*, T-746/18, EU:T:2019:280; tal-14 ta' Mejju 2019, *Régie autonome des transports parisiens (RATP) v il-Kummissjoni Ewropea*, T-422/18, EU:T:2019:339; tat-12 ta' Settembru 2019, *Régie autonome des transports parisiens (RATP) v il-Kummissjoni Ewropea*, T-250/18, EU:T:2019:615; tas-27 ta' Frar 2019, *Pesticide Action Network Europe (PAN Europe) v il-Kummissjoni Ewropea*, T-25/18, EU:T:2019:129; kif ukoll is-sentenzi tal-14 ta' Mejju 2019, *Commune de Fessenheim u Oħrajn v il-Kummissjoni Ewropea*, T-751/17, EU:T:2019:330; tat-12 ta' Frar 2019, *Hércules Club de Fútbol, SAD v il-Kummissjoni Ewropea*, T-134/17, EU:T:2019:80.

tagħhom⁹³, filwaqt li fiż-żewġ sentenzi l-oħra, l-azzjonijiet tqiesu bħala manifestament inammissibbli⁹⁴.

Fil-kuntest tal-ħames sentenzi li jidfal, il-Qorti Ġenerali ordnat it-tneħħija mir-reġistru ta' tliet azzjonijiet kontra l-Kummissjoni Ewropea wara li r-rikorrenti ddeċidew li jwaqqfu l-proċedimenti⁹⁵. Barra minn hekk, f'każ minnhom, il-Qorti Ġenerali awtorizzat ir-rettifika tal-azzjoni ppreżentata b'mod żbaljat kontra l-Kummissjoni Ewropea minflok l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka⁹⁶, u f'każ ieħor, hija ddeċidiet li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni⁹⁷.

Fil-qafas ta' dan il-korp ta' ġurisprudenza żviluppat fl-2019, il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tiċċara kwistjonijiet li jvarjaw minn aspetti proċedurali għal punti aktar sostantivi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001.

6.2.1. *Kjarifiki ta' xi regoli sostantivi*

Fl-2019, il-kjarifiki sostantivi maħruġa mill-Qorti Ġenerali essenzjalment kienu fuq l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni li għandha x'taqsam mal-*protezzjoni tal-iskop ta' investigazzjonijiet* li hija stipulata fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

- *Stadju ta' prenotifika ta' għajjuniet mill-Istat protetti taħt preżunzjoni ġenerali*

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet l-“estensjoni” tal-applikazzjoni ta' preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità għad-dokumenti skambjati matul *l-istadju ta' prenotifika ta' xi* proċedura dwar l-għajnuna mill-Istat⁹⁸ fuq il-bażi li din tiggarrantixxi l-kooperazzjoni tajba tal-Istati Membri f'atmosfera ta' fiduċja reċiproka u għalhekk il-funzjonament kif xieraq tal-investigazzjoni preliminari sussegwenti li tista' ssir jew anki l-proċedura ta' investigazzjoni formali.⁹⁹

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat f'dan ir-rigward li l-iskambji ta' qabel in-notifika jseħħu fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, li jiddependi, essenzjalment, fuq ir-relazzjoni ta' fiduċja stabbilita magħhom mill-istituzzjoni¹⁰⁰. Barra minn hekk, il-prenotifika ma tagħtix lok għal deċiżjoni bħala tali, iżda pjuttost għal evalwazzjoni mhux vinkolanti, u tesprimi biss l-

⁹³ B'mod speċifiku, s-sentenzi tal-14 ta' Mejju 2019, *Commune de Fessenheim u Oħrajn v il-Kummissjoni Ewropea*, T-751/17, *op.cit.* u tat-12 ta' Frar 2019, *Hércules Club de Fútbol, SAD v il-Kummissjoni Ewropea*, T-134/17, *op.cit.*

⁹⁴ Jiġifieri l-ordnijiet tas-17 ta' Diċembru 2019, *Uniunea Națională a Transportatorilor Rutieri din România (UNTRR) vs il-Kummissjoni Ewropea*, T-560/19, *op. cit.*; u tal-14 ta' Mejju 2019, *Régie autonome des transports parisiens (RATP) v il-Kummissjoni Ewropea*, T-422/18, *op. cit.*

⁹⁵ B'mod speċifiku l-ordnijiet tal-11 ta' April 2019, *Damien Bruel v il-Kummissjoni Ewropea*, T-202/18, *op.cit.*, tat-30 ta' April 2019, *Marco Bronckers v il-Kummissjoni Ewropea*, T-746/18, *op.cit.*; u tat-12 ta' Settembru 2019, *Régie autonome des transports parisiens (RATP) v il-Kummissjoni Ewropea*, T-250/18, *op. cit.*

⁹⁶ L-ordni tat-12 ta' Novembru 2019, *Patrick Breyer v il-Kummissjoni Ewropea*, T 158/19, EU:T:2019:79.

⁹⁷ L-ordni tas-27 ta' Frar 2019, *Pesticide Action Network Europe (PAN Europe) v il-Kummissjoni Ewropea*, T-25/18, EU:T:2019:129.

⁹⁸ Is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, *Commune de Fessenheim u Oħrajn v il-Kummissjoni Ewropea*, T-751/17, *op.cit.* paragrafu 71.

⁹⁹ *Ibid.* paragrafu 50.

¹⁰⁰ *Ibid.* paragrafu 54.

opinjoni tal-Kummissjoni, li tista' tinbidel fuq il-bażi ta' informazzjoni li tista' tiġi sussegwentement ipprovduta lill-istituzzjoni¹⁰¹.

Skont ġurisprudenza stabbilita, meta istituzzjoni tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess stabbilit fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, hija għandha fil-prinċipju, tipprovdri spjegazzjonijiet dwar kif l-aċċess għal dak id-dokument jista' konkretament u effettivament jippreġudika l-interess protett minn dik l-eċċezzjoni.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali tenniet li meta l-istituzzjoni tkun intitolata tinvoka preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità, ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tagħha tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti. Fil-fatt, huwa biżżejjed li l-motivazzjoni turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, b'mod li tippermetti, minn naħa, lill-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u li jiddefendu d-drittijiet tagħhom u, min-naħa l-oħra, li l-Qorti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha¹⁰².

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat ukoll li l-applikazzjoni mill-istituzzjoni ta' preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità sabiex tirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti skambjati matul l-istadju ta' qabel in-notifika ta' proċedura ta' għajjnuna mill-Istat la tikser l-Artikolu 42 lanqas l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali¹⁰³.

Fir-rigward ta' din l-aħħar dispożizzjoni, ta' min jinnota li l-Qorti Ġenerali segwiet il-Kummissjoni Ewropea, billi nnotat li “ l-għan tar-Regolament Nru 1049/2001 huwa li jirregola l-kwistjonijiet dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u mhux dawk dwar il-provi li għandhom jinġiebu mill-partijiet fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja, kemm jekk din tkun kawża quddiem il-qorti tal-Unjoni kif ukoll jekk tkun quddiem il-qorti nazzjonali”¹⁰⁴.

- *Il-protezzjoni ta' fajls dwar l-għajjnuna mill-Istat magħluqa taħt preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità*

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-applikabbiltà tal-preżunzjoni ta' kunfidenzjalità għall-fajls dwar l-għajjnuna mill-Istat, anki dawk magħluqa, meta tkun pendenti azzjoni legali kontra d-deċiżjoni dwar is-sustanza¹⁰⁵. B'hekk, il-Qorti Ġenerali osservat ġurisprudenza stabbilita, li tqis il-fatt li sta għall-Kummissjoni Ewropea, skont l-eżitu tal-proċedimenti legali, li terġa' tibda l-investigazzjonijiet tagħha bil-ħsieb li possibbilment tiġi adottata deċiżjoni ulterjuri¹⁰⁶.

- *Il-kunċett ta' interess pubbliku prevalenti*

¹⁰¹ *Ibid.* paragrafu 33.

¹⁰² *Ibid.* paragrafu 72.

¹⁰³ *Ibid.* ara l-paragrafi 112 u 125 rispettivament.

¹⁰⁴ *Ibid.* paragrafu 123.

¹⁰⁵ Is-sentenza tat-12 ta' Frar 2019, *Hércules Club de Fútbol, SAD v il-Kummissjoni Ewropea*, T-134/17, *op.cit.* ara *inter alia*, il-paragrafi 44 sa 47, 54 u 55.

¹⁰⁶ *Ibid.*

Il-Qorti Ġenerali kellha wkoll l-opportunità li tippreċiża l-limiti tal-kunċett ta' "raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Dan tal-aħħar għandu rwol kruċjali fil-qafas tar-Regolament, sal-punt fejn ikun suxxettibbli li jipprevali fuq xi wħud mill-eċċezzjonijiet li jiġġustifikaw ir-rifjut li jingħata aċċess għal dokumenti mitluba. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tenniet li *d-dritt ta' difiża* tal-applikant ma jistax jikkwalifika bħala "interess pubbliku prevalenti" skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001¹⁰⁷.

Bl-istess mod, l-interess partikolari li jista' jintalab minn persuna li titlob aċċess għal *dokument(i) li jikkonċerna(w)ħa personalment* ma jistax jitqies bħala interess pubbliku prevalenti fit-tifsira tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, peress li l-għan ta' dan ir-regolament huwa li jagħti lill-pubbliku ġenerali dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, u mhux li jistipula regoli mfassla biex jiproteġu l-interess partikolari li individwu speċifiku jista' jkollu biex jikseb aċċess għalih(om)¹⁰⁸.

6.2.2. *Kjarifiki ta' xi regoli proċedurali*

Fl-2019, il-Qorti Ġenerali indirizzat ukoll diversi kwistjonijiet proċedurali li għandhom x'jaqsmu ma' rikorsi ta' annullament kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea adottati fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

▪ *In-natura obligatorja tat-terminu previst fl-Artikolu 263 TFUE*

Fir-rigward tar-regoli proċedurali, il-Qorti Ġenerali l-ewwel nett enfasizzat in-natura imperattiva tat-terminu ta' xahrejn previst fl-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex titressaq azzjoni ta' annullament kontra d-deċiżjonijiet tal-istituzzjoni.

It-terminu ta' xahrejn huwa għalhekk kwistjoni ta' ordni pubbliku u mhuwiex suġġett għad-diskrezzjoni tal-partijiet jew tal-Qorti¹⁰⁹.

Il-limitu ta' żmien previst fl-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ġie stabbilit sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, u biex tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja¹¹⁰.

Huwa soġġett biss għal derogi f'każ tal-eżistenza ta' ċirkostanzi imprevedibbli jew ta' force majeure fis-sens tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea¹¹¹.

Għaldaqstant, rikors għal annullament kontra deċiżjoni konfermattiva tal-Kummissjoni Ewropea introdotta barra mill-perjodu ta' xahrejn previst fl-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-

¹⁰⁷ *Ibid.* paragrafi 46-47 u 54.

¹⁰⁸ *Ibid.* paragrafu 44.

¹⁰⁹ L-ordni tas-17 ta' Diċembru 2019, *Uniunea Națională a Transportatorilor Rutieri din România (UNTRR) v il-Kummissjoni Ewropea*, T-560/19, EU:T:2019:905, paragrafu 7.

¹¹⁰ *Ibid.*

¹¹¹ *Ibid.* paragrafu 9.

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mingħajr ma jkun suġġett għal xi waħda mid-derogi msemmija iktar' il fuq, għandu jinċaħad bħala manifestament inammissibbli¹¹².

- *L-effetti legali tad-deċiżjoni konfermattiva*

It-tieni, il-Qorti Ġenerali fakkret li, fil-prinċipju, hija biss id-deċiżjoni adottata mis-Segretarju Ġenerali f'isem il-Kummissjoni Ewropea li tista' tiġi kkontestata skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Din il-pożizzjoni hija konsistenti mal-ġurisprudenza stabbilita, skont liema, fil-prinċipju, ma jistax isir rikors skont it-tifsira tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament kontra tweġiba inizjali, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali: meta tkun ivvizzjata b'difett bħan-nuqqas li applikant jiġi informat dwar il-mezzi ta' rimedju li għandu jwiegħ din tkun tikkostitwixxi l-pożizzjoni definittiva tal-istituzzjoni¹¹³.

Tabilħaqq, id-deċiżjoni maħruġa fl-istadju ta' konferma skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, tikkostitwixxi deċiżjoni legali, li tissostitwixxi kompletament *ex tunc* id-dikjarazzjoni ta' pożizzjoni preċedenti li tinsab fir-risposta inizjali tal-istituzzjoni¹¹⁴. Għaldaqstant, din id-deċiżjoni konfermatorja biss hija kapaċi tipproduċi effetti legali tali li jkunu kapaċi jaffettwaw l-interessi tal-applikant u, għalhekk, li tkun suġġett ta' rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹¹⁵.

- *Il-konsegwenzi tal-irtirar de facto tad-deċiżjoni kkontestata*

It-tielet, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li rikors għal annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni ma jibqagħlux skop u ma jkunx aktar jirrekjedi li jiġi aġġudikat, meta r-rikorrent ikun kiseb l-informazzjoni mitluba minn xi deċiżjoni sussegwenti tal-istituzzjoni, li *de facto* tkun irtirat dik ikkontestata¹¹⁶.

- *Ir-rettifika ta' żbalji ta' forma fir-rikors għal annullament*

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali laqgħet il-korrezzjoni mitluba minn rikorrent li kien bi żball introduċa azzjoni kontra l-Kummissjoni Ewropea minflok kontra l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka¹¹⁷.

Il-Qorti Ġenerali nnotat f'dak ir-rigward li skont ġurisprudenza stabbilita, żbalji ta' forma li jikkonċernaw in-nomina tal-parti konvenuta jistgħu jiġu rranġati wara l-preżentazzjoni tar-rikors fejn l-identità tagħha tkun tista' tiġi inferita mingħajr ebda ambigwità¹¹⁸.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali aċċettat li tikkunsidra li l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka tkun titqies bħala l-parti li kontriha ġie ppreżentat ir-rikors għal annullament¹¹⁹. F'dan

¹¹² *Ibid.* paragrafu 10.

¹¹³ Ara *inter alia*, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2018, *Arca Capital Bohemia a.s. v il-Kummissjonin Ewropea*, T-441/17, EU:T:2018:899, paragrafi 18-20.

¹¹⁴ L-ordni tal-14 ta' Mejju 2019, *Régie autonome des transports parisiens (RATP) v il-Kummissjoni Ewropea*, T-422/18, EU:T:2019:339, paragrafu 35.

¹¹⁵ *Ibid.* paragrafu 37.

¹¹⁶ L-ordni tas-27 ta' Frar 2019, *Pesticide Action Network Europe (PAN Europe) v il-Kummissjoni Ewropea*, T-25/18, *op.cit.* paragrafi 18 sa 20.

¹¹⁷ L-ordni tat-12 ta' Novembru 2019, *Patrick Breyer v il-Kummissjoni Ewropea*, T 158/19, *op.cit.*

¹¹⁸ *Ibid.* paragrafu 24.

il-każ, it-titolu tad-deċiżjoni kkontestata li jindika, b’ittri kbar, bħala l-espeditur “l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea” ġie kkunsidrata mill-Qorti Ġenerali bħala li possibbilment jista’ jagħti informazzjoni mhux preċiża rigward il-personalità ġuridika distinta tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka¹²⁰. Għaldaqstant, ir-rikors għal annullament ġie kkoreġut u ddikjarat ammissibbli fir-rigward tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka.

6.3. Kawżi fil-Qorti ppreżentati kontra l-Kummissjoni Ewropea fl-2019¹²¹

Fl-2019, tressqu 12-il kawża ġdida li kienu jinvolvi l-Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti Ġenerali skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001¹²². Fost dawk il-kawżi, matul l-2019, tlieta minnhom kienu, diġà jew rifjutati, irtirati, jew komplew kontra parti oħra¹²³.

B’mod parallel, ġew ippreżentati żewġ appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra sentenzi tal-Qorti Ġenerali, f’każijiet fejn il-Kummissjoni Ewropea kienet parti fil-proċedimenti¹²⁴. Iż-żewġ appelli ġew miċħuda bħala manifestament infondati, permezz ta’ żewġ ordnijiet mogħtija fl-2019.

Il-Kummissjoni Ewropea segwiet b’attenzjoni l-iżviluppi tal-ġurisprudenza tal-Qrati Ewropej fl-2019. L-istituzzjoni b’mod partikolari laqgħet il-konferma mill-Qrati Ewropej fil-kawżi kollha deċiżi msemmija hawn fuq fl-2019 rigward il-konformità tal-prattika amministrattiva tagħha mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Tabilħaqq, it-tmien każijiet kollha maqtugħa kemm mill-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mill-Qorti Ġenerali fl-2019¹²⁵ irriżultaw fiċ-ċaħda sħiħa tar-rikorsi għal annullament kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, u għalhekk ipprevaliet il-pożizzjoni tal-istituzzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea ħadet nota sew ukoll tal-kjarifiki sostantivi u proċedurali msemmija hawn fuq ipprovduti mill-Qrati Ewropej fl-2019 fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Bħal fis-snin preċedenti, is-Segretarjat Ġenerali regolarment organizza, flimkien mas-Servizz Legali, seminars biex jaġġorna l-persunal tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-iżviluppi ewlenin reċenti tal-ġurisprudenza.

¹¹⁹ *Ibid.* paragrafu 31.

¹²⁰ *Ibid.* paragrafu 26.

¹²¹ Mill-31 ta’ Diċembru 2019:

¹²² Jiġifieri l-kawżi: *PL v il-Kummissjoni Ewropea*, T-728/19; *Basaglia v il-Kummissjoni Ewropea*, T-727/19; *AlzChem Group v il-Kummissjoni Ewropea*, T-569/19; *Uniunea Națională a Transportatorilor Rutieri din România (UNTRR) v il-Kummissjoni Ewropea*, *op.cit.*, T-560/19; *Homoki v il-Kummissjoni Ewropea*, T-517/19; *Public Resource Org and Right to Know v il-Kummissjoni Ewropea*, T-185/19; *Bronckers v il-Kummissjoni Ewropea*, T-166/19; *Breyer v l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka*, T-158/19, *op.cit.*; *Activos e Inversiones Monterroso v CRU*, T-16/19; *Marco Bronckers v il-Kummissjoni Ewropea*, T-746/18, *op.cit.*; *Umweltinstitut München v il-Kummissjoni Ewropea*, T-712/18; kif ukoll *Campbell v il-Kummissjoni Ewropea*, T-701/18.

¹²³ Jiġifieri l-kawżi *Uniunea Națională a Transportatorilor Rutieri din România (UNTRR) v il-Kummissjoni Ewropea*, *op.cit.*, T-560/19; *Breyer v l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka*, T-158/19, *op.cit.*; kif ukoll *Marco Bronckers v il-Kummissjoni Ewropea*, T-746/18, *op.cit.*

¹²⁴ Jiġifieri l-kawżi *Anikó Pint v il-Kummissjoni Ewropea*, C-770/18 P, *op.cit.*; kif ukoll *Hércules Club de Fútbol, SAD v il-Kummissjoni Ewropea*, C-332/19 P, *op.cit.*

¹²⁵ Minbarra dawk li tneħħew mir-Reġistru jew li ma kinux jeħtieġu aġġudikazzjoni.

KONKLUŻJONIJIET

Is-sena 2019 kienet is-sena ta' tranżizzjoni mill-“Kummissjoni Juncker” għall-“Kummissjoni von der Leyen”.

Quddiem dan l-isfond politiku, it-trasparenza, l-integrità u r-responsabbiltà li huma l-pilastru tad-demokrazija, baqgħu fl-2019 prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea tilqa' l-interess fost il-pubbliku ġenerali li qiegħed jikber, iġġenerat mill-attivitajiet tagħha stess. L-istituzzjoni kontinwament twettaq inizjattivi ġodda mmirati lejn l-iżvilupp proattiv tat-trasparenza fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha u l-involvement taċ-ċittadini.

Fl-2019, dan intwera, *inter alia*, bl-adozzjoni miż-żewġ koleġiżlaturi tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, imfassla biex tiffaċilita parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini Ewropej fil-proċess demokratiku tal-istituzzjonijiet; iżda wkoll bil-pubblikazzjoni ta' gwida dettaljata u prattika dwar standards etiċi għall-Membri tal-Kummissjoni li hađu sehem fil-kampanji għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' Mejju; bil-pubblikazzjoni kontinwa proattiva ta' dokumenti dwar il-Brexit u l-impenn tal-istituzzjoni biex iżżomm dan il-livell bla preċedenza ta' trasparenza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u matul in-negozjati li jmiss dwar ir-relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit.

Dawn il-miżuri jibnu fuq għodod u inizjattivi multipli stabbiliti sew li diġà jikkontribwixxu għad-difiża mill-Kummissjoni Ewropea tal-prinċipju ta' trasparenza, bħall-Portal tat-Trasparenza; il-pubblikazzjoni sistematika tal-laqgħat tal-Kummissarji; il-preżentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet ta' Interessi tagħhom; ir-Reġistru tad-Dokumenti tal-Kummissjoni u reġistri oħra¹²⁶; EurLex¹²⁷; riżorsi onlajn li jipprovdu informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' ffinanzjar mill-UE¹²⁸ u r-riċeventi tal-iffinanzjar¹²⁹; il-portal dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-Portal tad-Data Miftuħa tal-UE; eċċ.

Quddiem dan l-isfond, fl-2019, id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti meta mitluba, kif stipulat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea u fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, baqa' jkun strument importanti li permezz tiegħu l-Kummissjoni Ewropea tonora l-impenji tagħha favur it-trasparenza.

Il-Kummissjoni Ewropea għadha fil-wisa' l-istituzzjoni tal-UE li tiġġestixxi l-akbar numru ta' talbiet għall-aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Fl-2019, hija laħqet l-oġhla numru ta' talbiet tagħha sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament fl-2001, wara li rċeviet mhux inqas minn 7 445 applikazzjoni inizjali.

Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-applikazzjonijiet kellhom x'jaqsmu ma' firxa ta' dokumenti, jekk mhux fajls sħaħ u wasslu għal diversi tweġibiet differenti. L-istituzzjoni wiegħbet b'mhux inqas minn 8 449 tweġiba inizjali.

¹²⁶ Bħar-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra simili; ir-reġistru tal-Komitoloġija, eċċ.

¹²⁷ Il-bażi ta' data li toffri aċċess għal-liġi tal-UE, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u dokumenti pubbliċi oħra tal-UE.

¹²⁸ Fir-rigward ta' għotjiet u offerti.

¹²⁹ Permezz tas-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja.

Minn naħa waħda, iż-żieda kostanti fin-numru ta' applikazzjonijiet li deher mill-2016 u l-kumplessità tagħhom poġġew quddiem l-istituzzjoni dejjem aktar l-isfida diffiċli tar-rikonċiljazzjoni bejn il-prinċipju tat-trasparenza mal-prinċipju ta' amministrazzjoni effiċjenti u tajba.

Min-naħa l-oħra, bla dubju ta' xejn iż-żieda wasslet biex għadd kbir ta' dokumenti jsiru disponibbli għall-pubbliku. Dawn id-dokumenti rrilaxxjati bdew jikkomplementaw l-ammont konsiderevoli ta' informazzjoni u dokumenti, li huma diġà disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea bis-saħħa tal-politika tal-istituzzjoni li żżid b'mod kostanti l-pubblikazzjoni proattiva tagħha u l-impenn qawwi favur it-trasparenza.

Fl-24 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni Ewropea pparteċipat fis-seminar tal-esperti li sar mill-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar "Il-Futur tat-Trasparenza tal-UE", bil-għan li jipprovdi aktar impetu għal amministrazzjoni miftuħa, effiċjenti u indipendenti fl-era tad-diġitalizzazzjoni. Fil-qafas ta' din id-diskussjoni konġunta ta' miżuri konkreti biex tiżdied it-trasparenza matul il-leġiżlatura li ġejja, il-Kummissjoni Ewropea qieset il-ġurisprudenza dwar l-aċċess għad-dokumenti u esplorat jekk ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 baqax validu tul iż-żmien.

Il-kjarifiki mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja kkontribwew b'mod sinifikanti biex titjeb l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tar-regoli eżistenti.

Ir-rati baxxi ta' rikorsi u ta' sentenzi ta' annullament tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjoni f'dak il-qasam juru li l-Kummissjoni ġeneralment tilħaq il-bilanċ xieraq bejn id-dritt tal-aċċess u l-interessi l-oħra pubbliċi jew privati protetti skont l-eċċezzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Iż-żieda żgħira fin-numru ta' appelli ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja u l-ilmenti lill-Ombudsman Ewropew m'għandhiex għax taħbi l-fatt li dawn jirrappreżentaw biss proporzjon żgħir ħafna tan-numru totali ta' talbiet ipproċessati mill-Kummissjoni Ewropea, li wkoll qiegħed dejjem jiżdied.

B'konklużjoni, fl-2019 il-Kummissjoni Ewropea wettqet il-wegħda tagħha ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, kif stipulat fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u kif kristallizzat bir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-Kummissjoni Ewropea baqgħet aktar minn qatt qabel determinata li tiġġieled kontra t-theddid ġdid għad-demokrazija li jirriżulta min-nuqqas ta' trasparenza fl-era diġitali jew mid-diżinformazzjoni, l-antiteżi tat-trasparenza.